# IL-MALTI

RIVISTA TA'
L-AKKADEMJA TAL-MALTI
(GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI)

IL-KTIEB GĦAS-SENA 1991

IS-67 SENA



# IL-MALTI

IMWAQQAF F'MARZU 1925
MILL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI
illum imsejħa
**AKKADEMJA TAL-MALTI**

## BORD EDITORJALI

*Editur:* Joseph M. Ghigo S.J., B.Sc., Econ. (Hons). (Lond.), Lic. Ph., Lic. Th.,
c/o 'Xavier House',
226 Triq S. Pawl,
Il-Belt. Tel: 623681

*Sub-editur:*
Joe Zammit Ciantar B.A., M.A.
*Membri:*
Joseph J. Camilleri B.A., M.A.
Alfred Ellul Galea B.A.
Anthony Mercieca B.A.

Kull korrispondenza għandha tintbagħat lill-Editur.
All communications should be addressed to the Editor.
Ogni corrispondenza da spedirsi al Direttore.
Toute correspondance doit être envoyée au Dirècteur.

Il-Jedd ta' riproduzzjoni ta' artikli/poeżiji pubblikati f'*Il-Malti* huwa miżmum mill-awturi rispettivi tagħhom u mill-Akkademja tal-Malti u xejn ma jista' jiġi pubblikat mingħajr il-permess meħtieġ bil-miktub tagħhom.

**MATERJAL GĦALL-PUBBLIKAZZJONI**

Mhux bilfors li kull xogħol li jintbagħat lill-Bord Editorjali jiġi pubblikat f'*Il-Malti*. Il-Bord għandu d-dritt ma jippubblikax artiklu/i u/jew poeżija/i mingħajr ma jagħti ebda raġuni. Il-materjal li jiġi ppreżentat għall-pubblikazzjoni f'*Il-Malti* jrid ikun oriġinali u qatt ma deher pubblikat banda oħra qabel.

Il-Bord Editorjali

Disinn u Produzzjoni tal-pubblikazzjoni Joe Zammit Ciantar
Issettjat fl-Istamperija Salesjana – Tas-Sliema
Mitbugħ fl-Istamperija Gutenberg – Ħaż-Żabbar

# F'DAN IL-GĦADD

*Jedd L-Ilsien Malti* - Għażliet għall-Ġejjieni (Editorjal) ................ 1

*Mid-Djarju ta' l-Akkademja* ........................................................ 4

*Cremona u l-Folklor* – Ġużè Cassar Pullicino ............................ 7

*Ninu Cremona u Kitbietu* – Ġużè Chetcuti .............................. 16

*Dr. Antonio Cremona bħala Filologu u Grammatiku* – Ġużè Aquilina ........................................................................ 22

*Xi Rqaqat oħra dwar l-Alfabet ta' l-Għaqda* – Joseph J. Camilleri ......................................................................... 27

*L-Alfabet ta' l-Għaqda u Ninu Cremona – Ħarsa oħra lura* – Ġużè Cassar Pullicino ...................................................... 32

*Reċensjoni – Il-Feddej* – J.S. .................................................... 44

*Nekroloġija* – Dun Frans Camilleri ............................................ 45

# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ

L-AKKADEMJA TAL-MALTI

(Għaqda tal-Kittieba tal-Malti)

Il-Ktieb għas-sena 1991 Il-67 sena

*Editrojal*

## Jedd l-Ilsien Malti
## – Għażliet għall-Ġejjieni

Ħbieb ta' l-Ilsien Malti,

Inħoss li għandi nsejħilkom hekk la darba qegħdin hawn, u nittama li intom *ħbieb tassew* ...! Inkella x'naqbdu nsejħulu lil min hu Malti u m'huwiex ħabib tassew ta' Lsienu?

Kelma ta' "prosit" lill-organizzaturi ta' din il-konferenza nazzjonali, għalkemm l-għażla tal-kliem biex ifissru s-suġġett *setgħet kienet aħjar*. Il-jeddijiet saru moda, imma jissoponu persuni, fiżiċi jew morali. Issa l-Ilsien Malti fis-sens strett m'huwiex persuna u għalhekk ma jista' jkollu l-ebda jedd! Għandu jedd min hu Malti, u l-Maltin kollha. Dawn bla dubju ta' xejn għandhom jedd għall-Ilsien Malti, iżda minkejja dan il-jedd l-aktar naturali, li miegħu jħaddan dmir, dan il-jedd, bil-fatti, għadu m'huwiex magħruf daqskemm jixraqlu u jisthoqqlu ... Mhux għalhekk se nisimgħu diskorsi fuq it-tħaddim ta' dan il-jedd fil-mezzi tal-komunikazzjoni, fl-amministrazzjoni pubblika u fl-edukazzjoni?

Issa għaliex għandna quddiemna dawn il-problemi li fis-sotto-titlu sejjaħtulhom "għażliet" u, jekk jogħġobkom, żidtu wkoll "għall-ġejjieni"? Sa fejn naf jien dawn il-problemi ilhom ma' wiċċna, imma issa għadd dejjem akbar minna qegħdin jindunaw bihom. Ngħidu għalhekk: "għall-erwieħ!" u "f'ħajjet Alla!" Min jaf sewwa l-Maltin jistqarr li lil dawn, għall-kliem, ħadd ma jgħaddihom, imma għall-fatti? Ħalluna minn kliem bħal suppost x'imissu jagħmel dak, jew dik l-għaqda... Bħalma s-siġra tingħaraf mill-frott tagħha, hekk ukoll il-bniedem, u allura kull Malti ... X'qiegħed jagħmel issa għal Ilsienu, imhedded kif inhu mill-Maltin stess? Din il-mistoqsija tistenna tweġiba minn kull Malti.

L-Akkademja tal-Malti, li twieldet fuq is-70 sena ilu bħala l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti bit-tħabrik ta' Franġisk Saver Caruana, tieħu gost b'inizjattiva bħal din ta' llum u oħrajn bħalha. Dan nistqarruh għax l-

Ilsien Malti huwa l-wirt komuni tagħna lkoll li jeħtieġ il-ħarsien u l-għożża minna lkoll, minn kull wieħed u waħda minna. L-Għaqda tagħna, fid-dawl ta' ġrajjietna, tgħallmet tħares 'l hinn mill-problemi tal-mument u tintebaħ bil-psikoloġija li twellidhom. Per eżempju, seba' snin ilu l-Akkademja lestiet wara ħafna taħbit iż-*Żieda mat-Tagħrif* fejn urejna kif għandu jinkiteb ċertu kliem li ġej mill-Ingliż u mit-Taljan u daħal fil-Malti fis-snin reċenti; dan ix-xogħol komplejnieh fil-kliem Semitiku u għoddu ġà lest wara xhur twal ta' ħidma u diskussjoni. Imma hawn irridu nistaqsu: minkejja li ż-"*Żieda*" ntlaqgħet uffiċjalment mill-Ministru Karmenu Mifsud Bonnici li dak iż-żmien kien responsabbli għax-xandir u l-edukazzjoni u ftit wara laħaq Prim Ministru, għaliex xorta waħda għadna naraw wisq żbalji ta' kitba u ta' idjoma? Ħarsu ftit lejn il-gazzetti u ċerti kotba, anki dawk pubblikati għall-iskejjel, mogħtija xi sussidju żgħir mill-Gvern u saħansitra f'xi ktieb li jingħatalu l-Premju Letterarju! Bil-kliem nistqarru l-jedd tal-Malti għal Ilsienu, imma *bil-fatti dan ma nirrispettawhx* bir-ruxxmata żbalji li jwerrċuk jew li jdamdmulek widnejk għax dil-marda daħlet fix-xandir ukoll. Ħalli naraw issa malli jinfetħu iżjed stazzjonijiet... Qisu li bil-Malti kollox igħaddi!

Qisu li fejn jidħol l-Ilsien Malti l-Maltin huma *skizofreniċi*! L-Għaqda tagħna twieldet l-ewwelnett biex, sa fl-aħħar, Ilsienna jkollu ortografija waħda, xjentifika u standardizzata kif tinsab imfassla fit-*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija*. Billi l-Għaqda mezzi ma kellhiex, il-Gvern Nazzjonalista f'dawk is-Snin Għoxrin ħallas għall-istampar fl-1924, imma la qabel u lanqas wara ma għaraf uffiċjalment il-kitba hekk imsejħa ta' l-Għaqda. F'dan is-sens ma kienx aħjar minnu l-Gvern ta' Strickland, minkejja l-appoġġ tal-Partit Laburista li bħala partit kien l-ewwel wieħed li laqa' l-ortografija ta' l-Għaqda. Għaliex kellha tkun amministrazzjoni kolonjali fl-1934 li għarfet l-ortografija ta' l-Għaqda, bil-"w" b'kollox? Għaliex minħabba fiha qala' ħafna fuq wiċċu Ninu Cremona minn Ministru tal-Gvern li ma kienx tal-qatgħa xjentifika tiegħu? Dawn huma fatti storiċi. Intant, kif ktibna f'*Il-Malti* ħamsin sena ilu, u ġibnieh mill-ġdid ftit ilu, f'medda ta' ftit snin kulħadd kien qabad l-ortografija ta' l-Għaqda, fosthom *Leħen is-Sewwa*. Imma llum morna lura fil-kitba, u morna lura aktar fit-taħdit. Għalhekk, għadu f'loku llum dak li ktibna ftit ilu fl-aħħar Editorjal ta' *Il-Malti* fejn semmejna *diversi kankri* li qed jifnu 'l Ilsienna rqiq irqiq u jwassluh għal mard terminali. Ma jidhrilniex li bil-liġi ssolvi dawn il-problemi: qatt ħsibtu kemm hawn liġijiet li m'humiex osservati, inkella huma mħarsa bil-burdati?

Nirrepetu: ħafna Maltin jistgħu jitqiesu *semi-litterati*... għax la jafu jiktbu u lanqas jesprimu ruħhom sewwa b'Ilsienhom! Għalhekk tagħmlu

sewwa li ttanbru intom ukoll fuq jedd il-Maltin fil-mezzi tal-komunikazzjoni, fl-amministrazzjoni u fl-edukazzjoni anki dik universitarja. Huwa l-poplu fil-kotra tiegħu li jmissu jgħożż u jħares l-Ilsien li tatu din l-art ħelwa.

Għaliex ma nemmnux bil-liġijiet biss? Għal raġuni sempliċi, u nżidu ma' dak li diġà għedna. Billi l-Maltin għandhom *tendenza skizofrenika*, b'din ibatu wkoll il-Gvernijiet. Eżempju żgħir li jfisser ħafna. Ftit wara li fil-Parlament tressaq abbozz ta' liġi biex issaħħaħ il-qagħda ta' l-Ilsien Malti, fis-Suq tal-Belt tpoġġiet lapida b'xi ħames żbalji. Minnufih jien stess, bil-kitba, ġbidt l-attenzjoni tal-Ministru konċernat. Għal xejn! Seba' xhur wara M.P. mill-Oppożizzjoni qabel magħna, semmiena ċar u tond u qajjem din il-kwistjoni mill-ġdid. Minkejja t-tweġiba pożittiva tal-Ministru, dawk l-iżbalji hemm kienu, hemm baqgħu u hemm għadhom... 18-il xahar wara t-tqegħid tal-lapida! Morru u taraw b'għajnejkom! Forsi xi ħadd igħidli "din ħaġa żgħira" ... imma tfisser ħafna.

Kulħadd jaf li l-Għaqda tagħna qatt ma ħadmet għall-flus jew stenniet il-"prosit". Tosserva bir-reqqa dak li jintqal u li ftit minnu jinkiteb ukoll, imma Alla ħares tinħela wara kull tentufa. Malli deher l-abbozz dwar l-Ilsien Malti, studjajnieh fi tliet laqgħat tal-Kunsill tagħna, ġeddidna xi kuntatti ma' Membri Parlamentari u bgħatna "*Memorandum*" liż-żewġ naħat għax din hi kwistjoni nazzjonali.

Bil-ħila taż-żgħożija dejjem tiġġedded tagħha, l-Akkademja tibqa' *tissielet għall-Ilsien Malti*. Dan tagħmlu *bil-ħeġġa*, minkejja x-xeħħa murija lilha matul is-snin. Mhux Gvern Malti kien li 20 sena ilu waqqfilha s-sussidju miżeru ta' Lm30? Jew f'liema sens diċenti għall-Akkademja tal-Malti ssarrfu l-wegħdiet ministerjali li sarulha? Ir-rebħiet ta' l-imgħoddi jagħmlulna l-qalb, imma daqshekk ieħor isuquna lkoll lejn kisbiet oħra fil-ġejjieni.

**Nota mill-Editur:** Din it-taħdita saret mill-President ta' l-Akkademja fil-ftuħ tas-seminar fuq is-suġġett ta' hawn fuq fit-8 ta' Ġunju 1991 organizzat mill-Fondazzjoni Ġ.E.M. fl-Università.

# Mid-Djarju ta' l-Akkademja

*J.M.G.*

**Konferenza Ġużè Galea**

Fit-22 ta' Jannar 1991 Dr. J. M. Brincat ta l-konferenza mwaqqfa biex tfakkar fl-Università lill-*Prof. Ġużè Galea*, wieħed mill-Presidenti ta' l-Akkademja u kittieb magħruf fil-Letteratura Maltija. Dr. Brincat tkellem fuq "L-Element Rumanz fil-Malti: Ġustifikazzjoni Teorika, Stratigrafija Storika u Struttura Lessikali". Kif kien xieraq, il-President ta' l-Akkademja, Rev. J.M. Ghigo S.J., u xi membri tagħna ħadu gost jisimgħu lil Dr. Brincat.

**Wirjiet fil-Bibljoteka Nazzjonali**

L-Akkademja tinnota bi pjaċir li l-wirjiet fil-Bibljoteka Nazzjonali f'ġieh il-kittieba Maltin li kienu nbdew is-sena l-oħra fl-okkażjoni tas-Sena Internazzjonali tal-Kitba ssoktaw lejn tmiem Jannar. Din id-darba ġew ippreżentati xogħlijiet u dokumenti ta' Ġużè Chetcuti u Vincenzo M. Pellegrini. Il-Ministru ta' l-Edukazzjoni nnifsu, Dr. Ugo Mifsud Bonnici, jimpenja ruħu biex jiftaħ personalment dawn il-wirjiet li aktar jintlaħqu mill-poplu billi jsiru fil-Belt u mbagħad jittieħdu f'Beltissebħ, u fir-Rabat ta' Għawdex.

Fl-istess sensiela ta' wirjiet ta' awturi Maltin, f'Marzu ġew ippreżentati xogħlijiet u dokumenti ta' Ġużè Cassar Pullicino u Dun Frans Camilleri li ħalliena f'Diċembru ta' qabel.

**Fir-Reġistru Pubbliku**

Fis-Sala tal-Wirjiet li tinsab maġenb il-bieb prinċipali ta' dan id-Dipartiment importanti għaċ-ċittadini Maltin, komplew jitfakkru nies magħrufa li għamlu ġieh lil Malta. Il-wirja li nfetħet f'April fakkret lil Anton Buttigieg, magħruf ħafna fil-qasam politiku u wkoll f'dak tal-letteratura Maltija.

**F. S. Caruana**

Dan il-bniedem ħadem b'ħiltu kollha għat-twaqqif ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, mill-1963 'l hawn magħrufa bħala l-Akkademja tal-Malti; tagħha kien l-ewwel Segretarju għal 20 sena sas-sena 1940. Ħalliena fil-25 ta' Jannar 1971. Kif kien xieraq dehru kitbiet li jfakkru lil F. S. Caruana fid-diversi gazzetti Maltin fl-għoxrin sena minn mewtu.

**Is-Sebgħin Sena ta' l-Akkademja**

Din il-ġrajja tfakkret ukoll f'Jannar fuq il-mezzi tax-xandir. Il-President,

Rev. J. M. Ghigo S.J., lejn tmiem Jannar ħa sehem fi programm popolari kulturali fuq TVM jismu *Żafir* u f'ieħor ta' Radjo Malta 1 u 2 bl-isem *Raw Malta Tinbidel.* Fiż-żewġ programmi P. Ghigo seħaq fuq is-sehem importanti mogħti mill-Akkademja għat-tisħiħ tal-kitba Maltija mibnija fuq it-*Tagħrif* u għat-tixrid ta' din il-kitba u tal-letteratura Maltija, bħalma semma wkoll l-isfidi li l-Ilsien Malti għandu quddiemu llum fit-taħdit u fil-kitba.

F'Marzu l-Akkademja ħadet ħsieb issemma' leħinha fi programm kulturali ieħor ta' TVM jismu *'Spektrum'.*

**Għaqda tal-Malti (Università)**

L-Akkademja tal-Malti dejjem kellha rabta mill-qrib ma' din il-paladina ta' Lsienna fl-*Alma Mater* ta' pajjiżna. Għalhekk l-Akkademja ma setgħetx ma tifraħx li din il-Għaqda twieldet mill-ġdid biex turi l-ħeġġa tagħha b'riżq l-Ilsien Nazzjonali tagħna lkoll b'diversi ħidmiet.

L-ewwelnett din l-Għaqda fakkret is-60 sena mit-twaqqif oriġinali tagħha minn membri ta' l-Akkademja bħal Ġużè Bonnici u Rużar Briffa. Minn qalbna għalhekk nixtiqulha *ad multos annos* b'riżq l-Ilsien li jagħmilna lkoll aħwa Maltin.

Din l-Għaqda jidher li tħabtet ukoll biex xi swali fl-Università jissemmew għal kittieba Maltin magħrufa. Hekk illum għandna s-Sala Saydon kif ukoll is-Sala Temi Zammit.

Il-qagħda tal-Malti fil-ħajja ta' llum qanqlet lill-Għaqda toħroġ stqarrija biex turi lil kulħadd fiex kienet u għadha temmen, waqt li semmiet bosta miżuri prattiċi dwar l-Ilsien Nazzjonali fl-iskejjel kollha Maltin u fil-funzjonijiet reliġjużi. Imma l-Għaqda marret pass aktar 'il quddiem meta ħatfet l-okkażjoni tal-ħatra ta' Rettur ġdid fl-Università, ir-Rev. Prof. Peter Serracino Inglott, u miegħu saħqet sabiex l-Ilsien Nazzjonali jintuża f'aktar oqsma universitarji.

**Bibbja Saydon**

Is-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija (MUSEUM) jisthoqqilha tifħir kbir li żammet ħajja t-tifkira tal-Prof. Pietru Pawl Saydon bil-pubblikazzjoni tal-Bibbja hekk għażiża għalih. Hi ġrajja li ma tintesiex li f'Marzu deher it-tielet u l-aħħar volum ta' din il-Bibbja monumentali li bla dubju ta' xejn jisthoqqilha għarfien reliġjuż u letterarju akbar mill-Maltin kollha.

**Liġi tal-"Copyright"**

Is-Sur Joseph Meli, bil-għajnuna ta' speċjalisti min-Norveġja, fil-bidu ta' Mejju organizza seminar intensiv ta' jumejn fil-Hotel Les Lapins f'Ta' Xbiex. Hemmhekk stħarrġu l-qagħda kollha lokali li tirrigwarda mhux

biss l-ikkupjar ta' kotba u artikli, imma wkoll ta' elementi oħra bħal stampi, disinji, filmati, eċċ. Il-President ta' l-Akkademja, Rev. J. M. Ghigo S.J., irrappreżenta l-istess Akkademja f'qasam importanti bħal dan li fih Malta stess ġie li tbati minn isem ħażin fid-dinja.

Billi din il-kwistjoni jixirqilha aktar studju, anki biex isir l-aġġornament legali meħtieġ, il-membri tas-seminar ħatru kumitat biex jiffinalizza din il-kwistjoni fi żmien sena. Dan il-kumitat qed jiltaqa' regolarment kull ġimgħa, iżda billi P. Ghigo ma setax jilqa' l-ħatra f'dan il-kumitat minħabba d-diversi impenji tiegħu, biex jirrappreżenta lill-Akkademja f'din il-ħidma fejjieda nħatar is-Sur Ġużè Diacono, P.L., magħruf minn kulħadd bħala kittieb u difensur tad-drittijiet ta' l-awtur.

**L-Ilsien Nazzjonali u l-Partiti Politiċi**

Il-Fundazzjoni Ġużè Ellul Mercer, magħrufa aktar sempliċement bħala Ġ.E.M., f'Ġunju organizzat seminar ta' ġurnata fl-Università. Is-suġġett magħżul għal dak in-nhar kien "Il-Qagħda tal-Malti Llum". Għal dik il-laqgħa interessanti marru ħafna nies, fosthom diversi membri ta' l-Akkademja. Id-diskors li għamel il-President f'isem l-Akkademja qiegħed jidher f'dan il-għadd ta' *Il-Malti* bħala l-Editorjal.

**Dun Karm**

Il-*Konferenza Dun Karm* din is-sena saret fil-25 ta' Ottubru fis-Sala Pietru Pawl Saydon ta' l-Università. Il-Konferenzier magħżul kien il-Prof. Daniel Massa li kellu bħala suġġett "Kurrenti Kuntrarji f'Il-Jien u Lilhinn Minnu". Din il-konferenza f'ġieh il-Poeta Nazzjonali ssir kull sentejn bis-saħħa ta' Karmen Mikallef Buħaġar li żgur ħadet gost mhux biss bl-attendenza tal-President ta' l-Akkademja u membri oħra imma wkoll b'dik ta' għadd ġmielu ta' studenti żgħażagħ.

# Cremona u l-Folklor

*Ġużè Cassar Pullicino*

Fil-ħin qasir li għandi ma nistax insemmi kulma nixtieq ngħid fuq Cremona u l-Folklor; għalhekk sejjer nitkellem biss fuq l-iżvilupp ta' l-istudju tiegħu xjentifiku, nipprova nuri l-influwenzi u ċ-ċirkostanzi li wassluh għal dan l-istudju, u nħalli barra l-elementi u l-motivi folkloristiċi fil-poeżija bikrija tiegħu, kif ukoll l-isfond rustiku u d-drawwiet u l-karattri fin-novelli u fid-dramm *Il-Fidwa tal-Bdiewa*, li dwarhom diġà ktibt f'imkien ieħor.[1]

Il-bidu ta' l-interess serju tiegħu fis-suġġett huwa marbut mas-sena 1916, meta Cremona kellu 37 sena. F'dik is-sena, bil-kixfa tat-tempji ta' Ħal Tarxien, Temi Zammit kien wera li l-fdalijiet arkeoloġiċi bħalhom huma wisq eqdem minn żmien il-Feniċi. L-istess sena (1916) ukoll rat lil Cremona jinxteħet għall-istudju serju u komparat tal-ħrejjef li wara snin wasslu biex iwaqqa' l-parti l-oħra tat-teorija Feniċja ta' Patri Magri. Fl-intervista li kelli miegħu fl-4 ta' Awissu, 1959[2] huwa kien qalli: "Ebda studju serju madankollu ma kont għamilt qabel l-1916, meta l-Professur Temi Zammit, ma' tul iż-żmien li kien jaħdem fit-Tempju Neolitiku ta' Ħal Tarxien, u miegħu kont inqatta' n-nofs ta' nhari, kien joqgħod ikellimni fuq ix-xebh tal-Malti ma' l-Għarbi u fuq il-kliem Rumanz fil-Malti meħud mill-Isqalli. Sa dak in-nhar jien kont għadni nemmen ukoll fil-puriżmu Malti mnissel mill-Feniċju, u mimli bil-Ħrejjef ta' Patri Magri u bit-teoriji tal-Feniċi bħala l-ewwel ġens li għammar f'dawn il-gżejjer. Il-kotba li l-Prof. Temi Zammit kien jislifni naqra, ta' ħrejjef u leġġendi Sqallin li, kif sibt, kellhom relazzjoni ma' dawk tal-kontinent ta' l-Ewropa, Spanja, l-Italja, Franza u saħansitra l-pajjiżi tan-Nord, kienu l-ewwel xaqq ta' dawl li bih stajt nagħmel l-istudji ta' xebh bejn il-ħrejjef Maltin ma' dawk ta' Sqallija, l-Italja u artijiet oħra. Minn dan l-istudju jien wasalt biex nifhem li t-teorija ta' Patri Magri ma kellha ebda pedament sħiħ, u li aktarx it-tradizzjonijiet leġġendarji tagħna kienu fil-biċċa l-kbira taż-Żminijiet tan-Nofs minn żmien in-Normanni 'l hawn, flimkien ma' drawwiet tal-ħajja soċjali u reliġjuża. B'dan ma rridx ngħid li fil-ħrejjef tagħna ma ssibx xi fdal ta' xi tradizzjonijiet li juru xi relazzjonijiet qodma semitiċi li tagħhom insibu xi ħjiel fis-Surija u fl-Afrika ta' Fuq."

1. G. CASSAR PULLICINO, *Il-Bennejja tal-Folklor Malti*, Università ta' Malta, 1964, pp.84-90, 96-97.
2. G. CASSAR PULLICINO, 'Ninu Cremona Folklorista – Intervista', *Leħen il-Malti*, Għadd 18 (Numru Speċjali), 1973, pp.15-25.

Waħda mill-ħrejjef li Cremona kellu f'rasu hawnhekk hija dik ta' dak ir-raħħâl li ħadha ma' Jannar għaliex ma għamilx ħlief bard, u xita xejn, u minħabba f'hekk kellu jżomm il-merħla tiegħu ġewwa l-għar. Fuq hekk Jannar għadab u ssellef jumejn mingħand ħuh Frar. Jannar fl-aħħar jiem tiegħu wera snienu u fetaħ bwieb is-sema, u għarraq lil dak ir-raħħâl bin-ngħaġ tiegħu fl-għar. Fi studju mxebbah li stampa fl-1950[3] Cremona wasal biex igħid li "ix-xebh bejn il-ħrejjef Maltin u dawk tradizzjonali mnisslin mill-Palestina huwa wisq iżjed fil-qrib minn dak ta' bejn il-ħrafa Maltija u dak ta' Sqallija, għalkemm fil-personifikazzjoni tax-xhur ma jaqblux" (p.15). Fl-1972 l-Prof. Ġ. Aquilina fil-ktieb tiegħu tal-Proverbji kompla wessa' l-għalqa tat-tixbih dwar l-istess argument b'eżempji ta' qwiel oħra minn Damasku u mil-Lebanon.[4]

Dak iż-żmien ta' preparazzjoni u ta' qari – l-iżjed tal-kotba ta' Giuseppe Pitrè dwar it-tradizzjonijiet popolari ta' Sqallija li għadna nistgħu narawhom fil-librerija tal-Mużew Nazzjonali, kultant b'xi nota fil-marġini minn id Cremona – dam sejjer ħames snin sakemm imbagħad, matul it-tliet snin 1921-1923, ħareġ l-ewwel frott tiegħu – ħames studji li dehru f'rivisti serji hawn Malta u barra. Cremona kiteb fil-*Melita* (I, 1921, pp. 394-405) fuq "Race, Language and Myth", (II, 1922, pp. 249-259) fuq "Maltese Funereal Customs", (III, 1923, pp. 111-124) fuq "Some Myths and Beliefs in Maltese Folklore", barra kontribuzzjoni "Maltese Death, Mourning and Funereal Customs" fir-rivista *Folklore* ta' Londra, u oħra "Weather and Husbandry Lore in the Isles of Malta" fl-*Archivum Melitense* (VI, 1922, pp.1-32).

Din ta' l-aħħar kienet l-iżjed kitba importanti f'dan l-ewwel żmien ta' l-istudji folkloristiċi tiegħu. Kienet konferenza magħmula fl-'Aula Magna' ta' l-Università, fit-22 ta' Frar, 1922, f'laqgħa tal-'Malta Historical and Scientific Society'. Fiha, kif fissirli fl-1959, kien wera "ir-rabta li turi r-rifsiet li ħalla fil-moħħ u fir-ruħ tal-poplu Malti r-riġel taċ-Ċiviltà Ewropea li mill-bidu taż-Żminijiet tan-Nofs ħakmet fuqna, saħansitra qalb in-nies tar-raba', l-inqas li setgħet fost il-popolazzjoni tittiefes minn kull drawwa u superstizzjoni ewlenija." Fuq dan l-istudju tiegħu kienet saret reċensjoni fil-*Folklore* ta' Londra, kif ukoll f'xi ġurnali lokali.

Fost dawk li marru jisimgħu kien hemm Dun Karm u l-Prof. A. Cuschieri. Fil-minuti ta' din il-laqgħa tas-Soċjetà jinqara dan: "*Mr. Anth.*

3. A. CREMONA, 'Folklor Malti – Fdal il-Qwiel Qodma fil-Ħrafa ta' Jannar, Frar u Marzu', *Il-Malti*, Marzu 1950, pp.13-17.
4. J. AQUILINA, *Comparative Dictionary of Maltese Proverbs*, University of Malta, 1972, p.556.

*Cremona reads a very interesting communication 'Weather and Husbandry Lore in the Isles of Malta', which is followed by a long discussion in which Prof. Dr. T. Agius, Prof. Sayce, The Hon. Prof. Dr. T. Zammit, Dr. Alberto Hamilton Stilon and Dr. Alf. Stilon take prominent part.*"[5] Dwar din iċ-ċirkostanza fl-intervista li kelli miegħu fl-1959 Cremona kien qalli "... xtaqt insemmi wkoll il-kummenti li għamilli f'ittra l-Prof. Sayce, il-magħruf Assirjologu, li nzerta wkoll sama' l-*lecture* tiegħi meta kien hawn Malta, mistieden mill-Prof. Temi Zammit."[6] L-ittra msemmija ma ġietx f'idejna, iżda nistgħu nieħdu xi ħjiel ta' x'kien laqtu lill-Prof. Sayce minn din is-silta mit-taħdita li saret fl-24 ta' April, 1940 dwar *Folklor u Lsien Malti*[7] fejn Cremona kien fakkar x'kien qallu Sayce: "Illi l-Maltin jitkellmu bi Lsien li hu ta' nisel wieħed ma' l-Għarbi fil-waqt illi l-folklor tiegħu huwa, tista' tgħid, kollu kemm hu Ewropew, hi waħda mill-ħwejjeġ illi fuqha stagħġeb il-magħruf Professur Sayce meta sama' u qara t-taħdita tiegħi fuq il-Folklor Malti dwar it-Temp u l-Biedja u staqsieni jekk dan kienx imħabba li l-Maltin baqgħu nsara. – Hija ħaġa li ma tistax tiċħadha illi r-Reliġjon kienet waħda mir-raġunijiet qawwija li dejjem għażlet l-ilsien Semitiku-Malti minn dak ta' l-Għarbi fl-Afrika ta' Fuq li ħa x-xejra tal-progress Mawmettan fil-waqt li l-Malti fil-perijodu Biżantin kien laħaq ħa, u baqa' jieħu, l-ewwel ix-xejra tad-drawwiet tal-Knisja Sirijaka, u mbagħad tal-Latina bil-liturġija skond il-kalendarju Ġuljan, u mbagħad Gregorjan."

Kumment ieħor fuq l-istess studju "Weather and Husbandry Lore" kien dak tal-Prof. Raffaele Corso li fl-artiklu tiegħu "Malta e le sue feste" (*Maltese Folklore Review*, I, 1962, p.3) kiteb illi "*la dimostrazione che ne ha dato, vari anni fa, Antonio Cremona, prendendo in esame i proverbi agricoli maltesi e confrontandoli con altri analoghi della Sicilia e di altre regioni d'Italia, è cosi perfetta che non vale la pena di aggiungere parola a quanto egli luminosamente ha scritto.*"[8]

Minn dejjem laqatni imma qatt ma stajt nifhem kif u għaliex Cremona stampa żewġ artikli, wieħed Malta u l-ieħor Londra, fuq id-drawwiet fil-Mewt, Vistu u Dfin, b'intervall qasir ta' sena bejniethom u tista' tgħid bl-istess kliem u kontenut. Mat-tagħrif mogħti lil Rob. Mifsud Bonnici, kompilatur tad-*Dizzjunarju Bijo-Bibljografiku Nazzjonali* (1960), insibu

5. *Archivum Melitense*, VII, 2, Sett. 1924, p.50.
6. *Leħen il-Malti*, Għadd 18, 1973, p.18.
7. A. CREMONA, *Folklor u Lsien Malti* – Taħdita (meħud minn *Leħen il-Malti*, Nri. 158–160 u Nri. 161–162 ta' l-1944, pp.5–6).
8. *Maltese Folklore Review*, I, 1962, p.3.

li Cremona kien Membru tal-Folklore Society ta' Londra bejn l-1921 u l-1927 (p.143). Għal bosta snin bqajna ma nafu xejn iżjed dwar ir-relazzjoni tiegħu ma' din is-Soċjetà. Dan l-aħħar, minn ittra (*letter-card*) li ġiet f'idejja mal-karti tiegħu li jinsabu għandi, sibt illi fis-27 ta' Ġunju, 1920 Cremona kien kiteb lis-Segretarju tal-Folklore Society ta' Londra u staqsieh jekk jilqagħlux għall-istampa artiklu dwar il-Folklor Malti. It-tweġiba ta' William Crooke,[9] Editur tar-rivista *Folklore*, kienet din:

Langton House,
Charlton
Cheltenham
8th July 1920.

Dear Sir,

Your letter of the 27th June addressed to the Secretary, Folklore Society, has been forwarded to me. I shall be glad to consider an article on the folklore of Malta, but space in "Folk-Lore" is limited, and your contribution should be of a moderate length.

Yours faithfully,
William Crooke
Editor "Folk-Lore"

Fil-qiegħ ta' din l-ittra Cremona niżżel nota li fil-21 ta' Settembru, 1920 kien bagħat artiklu dwar "Maltese Funereal Customs". Għaddiet sena, u għaddiet oħra, u l-artiklu m'hemmx li jidher stampat. Għalhekk fl-1922 Cremona aktarx għax qata' qalbu b'dan id-dewmien kollu, ħareġ l-artiklu "Maltese Funereal Customs" fil-*Melita*, hawn Malta. Imma s-sena ta' wara, l-1923, tal-Folklore Society waslu biex jistampawh huma wkoll, kif fil-fatt sar (Vol. XXXIV, 1923, pp.352-357). Naturalment, bejn imħabba t-tul u bejn biex ma jkunx ripetizzjoni ta' dak li deher f'Malta, Cremona għamel xi tibdil u qassru, u l-artiklu deher fir-rivista Ingliża mingħajr id-dokumentazzjoni li kellu fin-noti u fl-appendiċi.

Minn dan l-artiklu jidher li Cremona kien ħa l-ispunt biex jikteb fuq id-drawwiet fil-mewt u l-vistu mit-tagħrif dwar "Beliefs regarding Death in Cumberland" pubblikat fil-*Folk-Lore* (Vol. XXXI, June 1920, p.154)

9. William Crooke (1848-1923), għal ħafna snin impjegat fl-'Indian Civil Service' u serva wkoll bħala District Magistrate, kien meqjus bħala figura ċentrali fir-relazzjonijiet folkloristiċi Anglo-Indjani. Wara li reġa' lura fl-Ingilterra ħa sehem attiv fil-'Folklore Society' ta' Londra, u kien President tagħha fl-1912 u fl-1913. Mill-1915 sakemm miet fl-1923 huwa kellu l-kariga importanti ta' Editur tas-Soċjetà. Għal tagħrif ieħor u apprezzament tal-ħidma tiegħu fl-studji tal-folklor ara R. DORSON, *The British Folklorists: A History*, London, Routledge & Kegan Paul, 1968, pp.341-346.

minn Sir James Frazer, dak iż-żmien awtorità kbira fuq is-suġġett, awtur fost l-oħrajn tax-xogħol klassiku *The Golden Bough*.

F'dawn it-tliet snin, u wara wkoll, jidher li Cremona kien iżomm ruħu aġġornat fix-xogħol tal-Folklore Society. Ngħidu dan għaliex fl-egħluq tal-Konferenza li semmejna "Weather and Husbandry Lore" huwa kien iċċita mid-Diskors tal-President tal-Folklore Society, Alfred C. Haddon, għas-sena 1921 fejn dan kien qal: "*The History of Ancient England (and so of every country and nation) cannot be written without the aid of Folklore and even the historian of latter dates requires the assistance of Folklorists.*"[10] Barra minn hekk, f'nekroloġija li kiteb ta' Margaret Murray,[11] awtorità kbira fuq l-Eġittu li ħadmet fl-iskavi hawn Malta wkoll bejn l-1921 u l-1927, u fl-1932, huwa semma kif kien iltaqa' magħha hawn Malta fil-1932 permezz ta' Temi Zammit u qal: "Qabel ma ltqajt magħha hawn Malta fl-1932 jien kont naf lil Miss Murray bħala membru fil-Kunsill tal-'Folklore Society' ta' Londra (1926)."

Minn dan naraw li, wara l-influwenza ta' Temi Zammit, il-kitbiet awtorevoli ta' membri prominenti tal-'Folklore Society' ta' Londra komplew saħħu lil Cremona fl-indirizz tax-xjenza tal-folklor kif kienu jifhmuha u jħaddmuha fis-snin għoxrin.

Imma nerġgħu għalli konna qed ngħidu.

Wara l-ħidma konċentrata ta' dawk it-tliet snin (1921-1923) f'daqqa waħda l-istudji ta' Cremona waqfu għal kollox u għal ħdax-il sena sħaħ baqa' ma kiteb xejn ta' siwi xjentifiku.[12] Għal bosta snin ma stajniex inkunu nafu x'kienet ir-raġuni, imma llum nistgħu ngħidu li r-raġuni kienet l-indifferenza u n-nuqqas ta' inkoraġġiment jew apprezzament li bihom kien milqugħ ix-xogħol tiegħu mill-klassi suppost kolta tal-gżira. Dan nafuh minn ittra tat-22 t'Awissu 1933 li Cremona bagħat lill-Prof. Raffaele Corso (1883-1965), ta' Napli, fejn kien qed jirrikambja l-kumpliment li għamillu Corso fl-ittra tat-18 ta' Awissu meta qallu: " ... *Mi riputo veramente felice di essere entrato in relazione con uno studioso*

10. A. CREMONA, "Weather & Husbandry Lore ...", *Archivum Melitense*, VI, 1922, p.32.
11. *Leħen il-Malti*, Għadd 7, 1964, pp.39-40. Margaret Murray, flimkien mas-Sinjura L. Galea, kienet ħarġet traduzzjoni bl-Ingliż ta' ħames ħrejjef Maltin bl-isem *Maltese Folktales*, Malta, Empire Press, 1932, 58p.
12. Madankollu, fl-1931 Cremona kiteb xi ħaġa żgħira li dehret f'*Il-Malti* (pp.15-17) taħt l-isem 'Ninni' u ta' 'Skunġrar u Riqi'. Fl-intervista ta' l-1959 (*Leħen il-Malti*, Għadd 18, 1973, p.17) huwa kien għarrafni li t-tħannina ta' *Orqod, ibni, orqod* kien semagħha mingħand mara xiħa ta' madwar 70 sena minn Ħal Tarxien, li kienet taqdih, waqt li l-formula tradizzjonali ta' l-*Iskunġrar u Riqi* kien semagħha mingħand mara minn Ħaż-Żabbar.

*tanto competente, quanto appassionato delle tradizioni di Malta ...*" Cremona fit-tweġiba tiegħu fetaħ qalbu ma' Corso u kitiblu hekk: "*Reciproco la mia compiacenza per la fortuna e l'onore di essermi messo in relazione con una persona di si gran voglia ed autorità, e che posso dire, è stata e spero sarà la causa di un mio risveglio agli studii del folklore che avevo già abbandonato per apatia e scoraggiamento.*"

U tabilħaqq, kien sewwasew f'dik il-ħabta li Cremona nxteħet mill-ġdid biex jikteb studju ieħor importanti. Ftit xhur qabel, fir-rivista *Lares* ta' Settembru, 1932 deher artiklu ta' Ettore Rossi, Direttur tar-rivista ta' kull xahar *Oriente Moderno* u Professur tat-Tork fl-Università ta' Ruma, bl-isem ta' "Scibilia Nobili e la leggenda maltese della Sposa della Mosta". Rossi kien ġie l-ewwel darba Malta fl-1924 u matul miġjiet oħra kien sar jaf ħafna Maltin studjużi, kif ukoll imseħbin prominenti ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, fosthom lil Cremona. Hawn Malta kien magħruf l-iżjed bħala kittieb dwar l-istorja navali ta' l-Ordni. Fl-istudju tiegħu Rossi kien fisser li l-għanja Maltija m'hix ħlief varjanti ta' 'Scibilia Nobili' ta' Marsala, fi Sqallija, fejn ix-xebba misruqa kien jisimha *Scibilia*. F'Marzu ta' l-1934, naħseb jien bl-istimulu li nissel fih Corso, Cremona ħareġ studju aktarx bħala tweġiba u kumment għal dak ta' Rossi li kien fisser il-fehma li l-ġrajja Maltija hija tas-Seklu Ħmistax. Cremona fit-tweġiba tiegħu fil-*Journal of the Malta University Literary Society* (No. 10, March 1923) wera fuq ix-xhieda ta' l-istoriku Malti G.A. Ciantar fil-*Malta Illustrata* illi s-serq ta' l-għarusa tal-Mosta kien sar mill-kursari fl-1526. Il-Prof. Corso fis-sena ta' wara kien għamel kummenti favorevoli fuq il-kitba ta' Cremona f'monografija msemmija "La Canzone della Sposa rapita dai pirati barbareschi" f'*La Rivista d'Oriente.*

F'Awissu ta' l-1933 Corso kien qabad korrispondenza ma' Cremona, fuq suġġeriment tal-Prof. Giovanni Calabritto, għalliem tat-Taljan fil-Liċeo, bil-ħsieb li Cremona jgħinu b'materjal u tagħrif li kien jeħtieġ għal artiklu dwar l-Etnografija u Folklor ta' Malta li Corso kellu jikteb għall-*Enciclopedia Treccani.* Ta' bniedem ġeneruż li kien, Cremona għenu u pass pass li l-korrispondenza bejniethom issuktat, spiċċat biex inbidlet f'rabta ta' ħbiberija li nqatgħet biss tul iż-żmien tal-gwerra u reġgħet kompliet mill-ġdid wara dawk is-snin koroh.

Corso u Cremona kienu ltaqgħu darba, hawn Malta, meta Corso kien għamel waqfa qasira huwa u sejjer lejn Tripli. Dan kien fi Frar jew f'Marzu, ta' l-1935, kif jidher mill-ittra li bagħat lil Cremona fit-18 ta' Marzu, 1935 fejn irringrazzjah ta' l-akkoljenza li għamillu "tul il-waqfa qasira f'Malta" u bagħatlu t-tislijiet tiegħu "*col ricordo delle belle ore passate insieme.*" F'Settembru ta' l-1949 Cremona kien jinsab f'Napli,

flimkien ma' Anton Buttigieg, u kien irranġa biex jiltaqgħu ma' Corso, iżda dan kellu jitlaq malajr mill-belt imħabba saħħtu u l-laqgħa ma seħħitx.

Sa mill-1933 Corso kien dejjem iħeġġu lil Cremona biex jiktiblu artikli. L-istedina baqa' jtenniha sa wara l-gwerra u fit-18 ta' Settembru, 1949 qallu: "*Se si compiacerà di inviare qualche scritto di folklore maltese, in italiano o in inglese, lo pubblicherò presto. La prego di estendere l'invito ad altri studiosi, tenendo presente che la rivista ha carattere internazionale.*"[13] U mill-ġdid fis-17 t'April, 1953: "*Con soddisfazione vedrei un Suo articolo, per pubblicarlo. Non abbandoni l'idea: riprenda gli appunti che aveva preparato, li completi e mi mandi lo scritto. Alla lima linguistica, se occorrerà, provvederò io, qualora Ella mi autorizzerà.*"

Sa fl-aħħar Cremona qatagħlu xewqtu lil Corso u bagħatlu artiklu, biex ma ngħidx l-aħjar artiklu li qatt kiteb, bl-isem "Folklore maltese: lingua, credenze e costumi" li deher fir-rivista internazzjonali *Folklore* (N.1 – 2, IX annata, 1954) li tagħha Corso kien id-direttur. Fl-24 paġna ta' dan l-istudju Cremona jagħmel sintesi tal-konklużjonijiet li wasal għalihom fl-

13. Il-kittieb preżenti jieħu pjaċir ifakkar fil-qalb kbira li wera Cremona fl-1954 meta qabbdu mal-Prof. Corso u ħeġġu biex jiktiblu għar-rivista tiegħu, *Folklore*. Fl-ittra tiegħu ta' l-20 ta' Marzu, 1954 Cremona kitiblu hekk lil Corso: "*Il numero della rivista* Folklore *spedito alla Regia Biblioteca interessò diversi studiosi delle cose tradizionali, in special modo un mio vecchio studente ed amico che attualmente è Bibliotecario nella Regia Università di Malta - un folklorista maltese che ha contribuito diversi studi in vernacolo, in inglese e italiana tanto nella stampa locale come anche in quella estera. Egli presentemente attende ad uno studio sui 'Cibi Maltesei' che pensa di poter favorirle per pubblicazione nel suo* Folklore." Fit-tweġiba tiegħu tal-15 ta' April, 1954, Corso kiteb hekk: "*... Vedendo il Signor Cassar Pullicino me lo ringrazi del pensiero di collaborare alla rivista e gli dica che sono nell'attesa del dettiloscritto.*"

B'riħet hekk il-kittieb preżenti kien qabad korrispondenza ma' Corso li damet sejra sa l-1960. Għall-aħħar ta' dik is-sena stess, fl-20 ta' Diċembru, 1954 Cremona qallu lil Corso: "*Godo d'aver avuto notizia di Lei dal mio intimo amico, il Signor Giuseppe Cassar Pullicino, ... e godo ancora che l'articolo di costui sulle 'Vivande Maltesi' è pervenuto nelle sue mani ... e che Lei intende pubblicarlo in uno dei prossimi numeri del* Folklore. *Il Signor Cassar Pullicino è un indefesso ed entusiasta studioso delle nostre tradizioni ed usi folkloristici ed il suo contributo, sono certo, avrà una buona accoglienza tanto da Lei come Direttore come anche dai lettori della sua rivista.*" Tmint ijiem wara, fit-28 ta' Diċembru, 1954, Corso wieġeb u qal: "*... Ho letto, in questi giorni, vari suoi lavori, e sono divenuto un suo ammiratore. Con la solerzia che mostra, con la cultura e l'intelligenza che possiede, il Cassar Pullicino potrà coltivare profondamente il folklore maltese e valorizarlo e farlo conoscere agli scienziati nei suoi diversi aspetti ...* "

Fil-fatt Corso kien ħareġ biss l-introduzzjoni ta' l-istudju "Antichi Cibi Maltesi" fir-rivista tiegħu *Folklore* (Napoli, XI, Fasc. I-IV, 1957 pp. 52-61) u ma laħaqx ippubblika d-dokumentazzjoni dwar l-ikel Malti li kellha magħha. L-Istudju sħiħ jinqara fir-rivista *Melita Historica* (III, 2, 1961, pp. 31-54, u fil-ktieb *Studi di tradizioni popolari maltesi* (1989, pp. 58-85).

istudji li kiteb matul il-25 sena ta' qabel dwar in-natura u n-nisel tal-folklor ta' dawn il-gżejjer. Fih imiss il-fergħat prinċipali tas-suġġett: il-mitoloġija (bil-Ħares, il-Gawgaw, l-Għafrit, il-Belliegħa eċċ), kliem ir-riqi jew eżorċiżmi, twemmin fieragħ jew superstizzjonijiet (e.g. l-għajn u l-magħmul), qwiel tat-temp u l-biedja, drawwiet ta' żwieġ u mewt, festi u fieri qodma, ħrejjef, logħob tat-tfal, ilbies tar-rġiel u tan-nisa.

Ma rridux ninsew li l-interess ta' Cremona fil-folklor tnissel mill-ġibda u mill-istudji tiegħu lingwistiċi dwar l-Ilsien Malti. Ma nistagħġbux għalhekk li erba' snin wara t-tweġiba lil Rossi, fl-24 ta' April, 1940 huwa għamel taħdita lill-istudenti ta' l-Għaqda tal-Malti (Università), f'waħda mil-laqgħat tagħha, dwar *Folklor u Lsien Malti*. Imħabba li xahar u nofs wara kienet bdiet il-gwerra ma' l-Italja din it-taħdita interessanti ma kenitx stampata f'*Leħen il-Malti* qabel l-1944. Fiha, kif fissirli Cremona fl-intervista ta' l-1959, huwa wera r-rabta li hemm bejn l-ilsien kif inhu mitħaddet illum u l-Folklor Malti, jiġifieri l-Ilsien Malti fil-frażjoloġija tradizzjonali, twemmin u superstizzjonijiet u fit-terminoloġija folkloristika tiegħu."[14]

L-aħħar kontribut ta' Cremona, *Le relazioni etnografiche del folklore narrativo e leggendario dell'isola di Malta,* wassal fit-tmiem il-konklużjonijiet tiegħu dwar il-kurrenti ta' tixbih li nsibu fil-ħrejjef u l-leġġendi tagħna. Għandi l-pjaċir ngħid li kien bl-insistenza tiegħi, meta ridt nibda noħroġ il-*Malta Folklore Review* fl-1962, li Cremona fl-aħħar qabel li jgħaqqad u jagħti forma ta' artiklu twil lill-materjal komparattiv li kien ġabar bejn l-1916 u l-1920 meta, imħeġġeġ minn Temi Zammit, kien daħal fil-qalba tas-suġġett u beda jinfatam mis-seħer u mill-kitba tat-teorija Feniċja ta' Patri Magri. Wara huwa kien għaraf l-importanza taż-żewġ elementi, Semitiku u Rumanz, sew fl-ilsien sew fil-folklor ta' Malta.

Dan l-istudju ta' Cremona qala' kummenti favorevoli mingħand il-Prof. Paolo Toschi ta' Ruma, f'reċensjoni li dehret f'*Lares* (Frasc. III-IV, 1966). Toschi jsejjaħ dan ix-xogħol "*questo ottimo contributo del Cremona.*" Dwar l-ewwel parti ta' l-artiklu jgħid: "*Veramente preziosa è la parte introduttiva che traccia sinteticamente una storia degli studi sul folklore maltese, da elementi e dati di viaggiatori o storici del sei-settecento fino al giorno d'oggi. L'apporto di tale documentazione è di gran lunga più grande di quel che a prima vista si potrebbe pensare.*"

14. G. CASSAR PULLICINO, 'Ninu Cremona Folklorista - Intervista', *Leħen il-Malti,* Għadd 18 (Numru Speċjali) 1973, p. 17.

Dawn kienu l-linji ewlenin tal-ħidma ta' Cremona bħala studjuż tal-Folklor.[15] Nittama li rnexxielna nuru fil-kuntest tagħhom mhux biss l-ismijiet u l-kontenut fil-qosor ta' l-istudji tiegħu, imma dak li hu daqshekk ieħor importanti, iċ-ċirkostanzi u l-istimoli minn studjużi kbar li minn żmien għal ieħor wasslu 'l Cremona biex igħaddi l-materjal folkloristiku tagħna mill-għarbiel ta' kriterji xjentifiċi, u bla ebda passjoni jlaqqgħu, ixebbhu, jorbtu u jurih kif għandu jkun muri, imqabbel mal-folklor ta' pajjiżi oħra tal-Mediterran.

15. Għal apprezzament iktar dettaljat u tagħrif ieħor dwar il-ħidma ta' Cremona ara ż-żewġ kapitli 'Antonio Cremona Folklorista' u 'Un articolo su Malta di Raffaele Corso e il suo carteggio con Antonio Cremona', fil-ktieb ta' G. CASSAR PULLICINO *Studi di tradizioni popolari maltesi* (University of Malta, 1989, pp. 36-57, 360)

# Ninu Cremona u Kitbietu

*Ġużè Chetcuti*

> "Jiddispjaċini li jkolli ninfired mix-xogħol ta' l-'Għaqda' li fiha għext mill-bidu tal-ħajja tagħha u li fiha jiena ħdimt bil-qalb għall-ġid tagħha, xi mindaqqiet kontra l-interessi privati tiegħi ... nibqa' ngħożż u nżomm bħala l-iktar tifkira għażiża l-ħajja akkademika li jien għaddejt magħkom."

Dan m'hux kliem tiegħi. Din hi silta minn ittra li Ninu Cremona bagħat ftit qabel miet lill-Professur Ġużè Galea li dak iż-żmien kien President ta' l-"Akkademja tal-Malti".

Għex tabilħaqq għall-'Għaqda' mill-bidu tat-twaqqif tagħha fl-1920, sebgħin sena ilu. Insibuh ġà membru fl-ewwel Kunsill ta' l-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" flimkien ma' pijunieri oħra tal-Malti bħal Ġużè Muscat Azzopardi, l-ewwel President ta' l-'Għaqda', Dun Karm, Ġanni Vassallo, u F.S. Caruana, l-ewwel segretarju ta' l-'Għaqda'. Iżda l-ħajra għall-kitba fi Cremona nsibuha minn qabel l-1920 kif tista' turina din in-nota bijografika: "L-ewwel ma tgħallimt naqra l-kartelluni tal-Kumpaniji tal-Proża Taljana f'Tuneż... meta kelli madwar sitt snin. Nistqarr li sakemm kelli mat-18-il sena qatt ma studjajt sewwa u ma nteressajtx ruħi fi studji ta' lingwi u xjenzi, ħlief fil-letteratura Taljana, li biha mindu kelli 17-il sena kont nikteb xi versi.

"Ix-xeħta tiegħi li nikkoltiva l-letteratura ta' lsien, hu x'inhu, tnisslet fija mill-istudju letterarju tat-Taljan u fih bdejt nedha minn mindu kont tifel fil-Kulleġġ tal-Ġiżwiti u fih komplejt iżjed nissaħħaħ is-Seminarju, imħajjar minn surmastrijiet tajba bħall-Professur Del Ricco u Dun Pawl Vella, u fuq kollox mill-poeżiji ta' Dun Karm Psaila li kien għallimni l-ewwel darba kif inkejjel il-versi.

"Sakemm kelli mat-28 sena qatt ma tħajjart nikteb bil-Malti ħlief xi ħaġa għall-palk li kien l-għaxqa tiegħi, u l-Malti tiegħi kien aktarx imħarbex bi kliem mexxej għall-aħħar u bla ebda kriterju grammatikali: ortografija fuq il-widna. Qatt ma kont ħassejt ġibda kbira għall-Malti sakemm ma sibtx min ħajjarni nikteb f'*Il-Ħabib*, ġurnal li fih kienu bdew jiktbu xi wħud mill-aħjar kittieba bit-Taljan, fosthom Cuschieri u Psaila.

"Kien Ġużè Muscat Azzopardi li ħajjarni nibgħatlu xi versi jew proża bil-Malti għal *Il-Ħabib* li tiegħu kien direttur. Ġużè Muscat Azzopardi kien jafni bħala poeta ċkejken ta' versi bit-Taljan. Bis-saħħa ta' l-inkoraġġiment li tani jien tħabbibt ma' Ġanni Vassallo li miegħu kont niddiskuti fuq

l-ortografija Maltija. *Il-Muftieħ tal-Kitba Maltija* (1902) tiegħu kien għalija bħal katekiżmu u fuqu tgħallimt l-ewwel regoli tal-kitba Maltija. Wara tħabbibt ukoll mal-mejjet Dr. Ġużè Micallef meta dan kien għadu student tal-liġi. Kien hu li nebbahni u ħajjarni biex nistudja l-Grammatika Għarbija u l-Lessiku Għarbi biex iżjed nitħarreġ fir-regoli grammatikali tal-Malti. Minn dak iż-żmien komplejt nikteb f'*Il-Ħabib* u nistudja fuq in-nisel ta' kliem Malti. Żewġ persunaġġi oħra li bil-kitba u pariri tagħhom jien imxejt fl-istudju tal-Malti kienu Napuljun Tagliaferro, studjuż tal-filoloġija u fonoloġija Maltija, u l-Professur Temi Zammit, prożatur ħelu u idjomatiku tal-Malti."

Malli twaqqfet l-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" Cremona mill-ewwel medd spallejh għax-xogħol u ntafa' għal dak li dak iż-żmien kien l-aktar meħtieġ, jiġifieri s-sistema xjentifika, u fl-istess ħin prattika, ta' l-ortografija. Twaqqfet Kummissjoni u fdat ix-xogħol f'idejn Ninu Cremona u Ġanni Vassallo. Fl-1924 ħareġ *It-Tagħrif fuq il-Kitba Maltija*, iżda nistgħu ngħidu li f'dan ix-xogħol l-akbar mertu kien ta' Ninu Cremona, għax Vassallo kien ħalla kollox f'idejh.

Cremona ma waqafx hawn fil-ħidma tiegħu. Fuq il-bażi ġà mwaqqfa tat-*Tagħrif* tana xogħlijiet aktar mirquma u dettaljati meta ħareġ iż-żewġ kotba tiegħu *Tagħlim fuq il-Kitba Maltija*, kotba li għadhom sal-lum il-liġi ta' kull kitba bil-Malti. Kull min warajh ħareġ Grammatika Maltija, fosthom jien, mexa fuq ir-regoli sodi u xjentifiċi li għallem hu.

Il-Grammatika ta' Ninu Cremona hi kontribut mill-akbar biex l-ilsien Malti seta' jimxi 'l quddiem b'ortografija uniformi li bdiet tintuża fil-ġurnali kollha, rivisti, opuskoli u kotba, u fl-1934 ġiet magħrufa uffiċjalment.

Din storja li l-lum kulħadd jafha imma ma stajtx ma nsemmihiex għax hi l-ewwel ħolqa mill-iżjed importanti fil-katina twila ta' attivitajiet li tana Ninu Cremona. Fl-1925, jiġifieri sena wara li ħareġ it-*Tagħrif*, Cremona ħareġ fi ktejjeb *X'inhu l-Malti Safi*, taħdita li nqrat f'laqgħa ta' l-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" fl-1 ta' Marzu 1925 f'Palazzo de la Salle. F'din it-taħdita Cremona bir-raġun kollu jmur favur l-argument li m'għandniex inwarrbu l-kliem romanz li daħal fil-Malti. Igħidilna: "Din illi kull ilsien jistagħna bi ħwejjeġ ta' ilsna oħra wisq iżjed għonja minnu, m'hix ħaġa li jagħmilha l-Malti biss. Kull ilsien kellu jagħmlu skond il-bżonn li ħass f'kull żmien tal-ġrajja tiegħu."

L-attivitajiet ta' Cremona jitqassmu f'diversi friegħi tal-letteratura: poeżija, proża storiko-xjentifika, lingwa, bijografiji u drammi, novelli, rumanz, studji kritiċi u studji dwar ir-relazzjonijiet etnografiċi tal-folklor narrattiv u leġġendarju ta' Malta u Għawdex.

Nieħdu l-ewwel il-poeżija ta' Cremona.

Fl-1932 Cremona ħareġ l-ewwel ktieb tiegħu ta' tletin poeżija *Weraq mar-Riħ* li kienu mxerrda f'rivisti u f'ġurnali. Fih insibu l-ewwel poeżiji li kiteb: "Il-Għannej ta' Wara l-Bjut", "Dell il-Warrani", "Il-Qdumijiet Tagħna", "Ġewwa l-Belt u Barra l-Belt" u oħrajn. Fid-Daħla tal-ktieb Cremona jfisser ruħu hekk: "Semmejthom hekk dawn il-ftit għanjiet Maltin li jiena minn għoxrin sena 'l hawn ġie li ħarbixt, għaliex kif taraw huma bħal dawk il-ftit weraq ta' siġra f'art xagħrija mħarbtin u mxerrdin mill-irjieħ li ħabtu fuqha minn staġun ta' ħajja għal oħra, bħal weraq imżewqin biż-żmien li għadda minn fuqi u kemmex moħħi. Barra minn dan, dawn l-għanjiet huma mifrudin għal biċċa żmien sewwa minn tħawtil ieħor, li għalkemm kellu x'jaqsam ma' l-lsien Malti – ma' ġmielu u ma' senegħtu – kienet biċċa xogħol li rażżnitli l-ħeġġa tal-ħsieb u xejħitli qalbi qabel il-waqt."

Fl-1945 Cremona ħareġ l-antoloġija *Rand u Riħan*. Fiha jiġbor tnax-il poeżija li f'dawk li huma sentimenti, reqqa u sempliċità fl-espressjoni u fir-ritmu jisbqu lil dawk ta' *Weraq mar-Riħ*. Cremona jgħidilna: "Il-biċċa l-kbira ta' dawn il-versi huma dawk li nkitbu fiż-żerniq tal-fantasija ta' moħħi meta ridt nagħti lill-poeżija Maltija l-forma moderna tal-poeżija barranija u nifdi l-għanja Maltija mill-kantilena tar-rima ta' l-għana b'versi settenarji jew ottonarji."

Fil-poeżija ta' Cremona tinħass ħafna n-nota awtobijografika. Dan iwettqu f'ittra li bagħatli bin-noti u l-kummenti tal-poeżija *Weraq tal-Ħarifa*, poeżija b'metru liberu u b'rima mbewsa u mqabbża. Kitibli: "Fiha immaġinazzjonijiet allegoriċi u espressjonijiet ftit u xejn velati, iżda fihom kull waħda għandha xi episodju mill-ħajja tiegħi. Rapsodija ta' tifkiriet. Din il-poeżija ktibtha fil-Ħarifa ta' Ħajti, jiġifieri meta kont għoddni dieħel fi żmien li xagħri beda jiblieq; iġġib isem li jissimboleġġja dawk it-tifkiriet ta' żmien li għadda minn fuqi sa dak iż-żmien li ktibtha. Il-*Weraq tal-Ħarifa* jiffiguraw l-istess ġrajjiet awtobijografiċi li quddiem il-fantasija tiegħi narahom jidbielu u jaqgħu nixfin mis-siġra ta' ħajti l-imgħoddija."

Fl-1970 l-Università stampatlu *Mis-Siġra ta' Ħajti, Weraq mar-Riħ*. Dal-ktieb jiġbor 76 poeżija, uħud minnhom poeżiji taż-żewġ kotba l-oħra li ġà semmejt, oħrajn li kiteb tul it-30 sena li għaddew meta ġie biex joħroġ dan l-aħħar ktieb tiegħu ta' poeżiji. Xieraq intenni l-kliem tal-poeta nnifsu dwar dawn il-poeżiji: "Fil-versi tiegħi l-qarrej m'għandux isib ħaġ'oħra ħlief oriġinalità ta' stil, ideat mifrudin għal kollox fil-biċċa l-kbira minn dawk tal-klassiċiżmu u f'xi poeżiji mill-metrika tradizzjonali kif ukoll mil-lirika konvenzjonali bil-vers ottonarju kif insibuha dlonk fil-versi tas-Seklu Dsatax, għalkemm, bħala kapriċċ folkloristiku, f'dawn l-aħħar snin

tħajjart naghti fis-suq tal-Muża Maltija xi xempji ta' xi għanjiet Maltin b'versi settenarji b'daqsxejn ta' riħa ta' sentimentaliżmu romantiku maħruq fuq l-artal ta' xjuħiti."

Hawn il-poeta qed jalludi għall-poeżiji bħalma huma "Teddy Boy", miktuba fl-1960, "Beatles" sunett miktub f'Ġunju 1968, u għanjiet li fihom jinħass is-sentimentaliżmu ta' mħabba li tfakkru f'żgħożitu.

Iżda qabel nagħlaq din il-fergħa tal-poeżija ma nistax inħalli barra l-prologu tad-dramm epiku-pastorali *Il-Fidwa tal-Bdiewa* li jien inqisu bħala biċċa xogħol maħduma b'sengħa artistika, imqanqla minn ispirazzjoni patrijottika u mimlija immaġinazzjoni poetika li teħodna ngħixu 'l bogħod ma' niesna ta' ħames mitt sena ilu fil-ferħ u fin-niket, fid-drawwiet u t-tradizzjonijiet tagħhom. Għalija dan il-prologu maħdum b'versi martelljani, b'rima mbewsa, jiġbor fih l-isbaħ poeżija li kiteb Cremona.

Dwar id-dramm klassiku, storiku-pastorali *Il-Fidwa tal-Bdiewa*, m'iniex se noqgħod nirrakkonta l-ġrajja u anqas m'għandi l-ħsieb nidħol fi studju kritiku, analitiku tiegħu. Ngħid biss li Cremona b'dan id-dramm qiegħed l-ewwel ġebla soda fil-pedament tal-letteratura drammatika ta' pajjiżna. L-awtur jagħtina interpretazzjoni ħajja tas-sentimenti ta' mħabba ta' poplu ċkejken lejn art twelidu u ta' mibegħda lejn l-egħdewwa li ħakmu u jassru lil Malta fiż-żminijiet fewdatarji.

"L-isem li tajt lil din il-ġrajja," igħidilna l-awtur, "huwa isem li qiegħed biex jagħti lemħa ta' dik il-ġrajja l-kbira li fiha l-iktar li ħadet sehem il-kotra ta' dawk in-nies tal-gżira li f'dak iż-żmien kienu aktarx nies tar-raba'. Huma li ħassew, huma li batew u meddew għonqhom għall-madmad tas-sidien u għat-tħarbit ta' l-għadu tal-baħar. Jiena, għalhekk, b'dan l-isem żgħir," iżid igħid l-awtur, "indawwar u nagħlaq ukoll ġewwa kwadru ċkejken l-isbaħ u l-aqwa bċejjeċ li juru f'din il-ġrajja x-xbieha tad-drawwiet, il-ħajja, il-qalb u l-ħila tal-Maltin ta' dak iż-żmien."

Xogħlijiet oħra tal-Palk li tana Cremona huma *Ecce Homo* (1952), Att Uniku, azzjoni fl-ewwel żminijiet ta' l-insara, *Samaritana*, Att Uniku, xena biblika ta' żmien Kristu, *Meta l-Mara tibqa' tmieri* (1958), Att Uniku, kummiedja soċjali, *Minn Betlehem għall-Kalvarju*, leġġenda biblika drammatizzata, u żewġ radjodrammi *Aqta' Jiesek li tarani* u *Il-Mina ta' l-Imħabba*, novella drammatizzata b'kummentarju narrattiv (meħuda minn *The Story of the Other Wise Man* ta' Henry van Dyke).

Dwar id-dramm *Ecce Homo* Cremona meta kitbu fisser ruħu hekk: "Bħal *Il-Fidwa tal-Bdiewa*, l-istil klassiku, id-djalogu narrattiv, il-frażjoloġija konvenzjonali, id-drawwiet ta' latmosfera pagana bl-antitesi tal-ħajja ta' l-ewwel insara jagħżlu dan id-dramm *Ecce Homo* mix-

xogħlijiet drammatiċi tal-lum li taw lill-Palk Malti t-Teatru Modern."

Baqa' nitkellem fuq ħafna mill-ħidma letterarja ta' Cremona, għax fi bniedem li ddedika ħajja ta' aktar minn erbgħin sena fir-rabta tiegħu ma' l-Akkademja tal-Malti u ma' l-iżvilupp ta' l-Ilsien u l-letteratura Maltija, hemm – biex ninqeda b'espressjoni metaforika – baħar xi tgħid.

Il-merti ta' Cremona jinfirxu aktar 'l hinn mill-kamp tal-poeżija, tal-grammatika, tal-lingwistika u tad-drammi. Il-ħin ma jippermettilix li nistħarreġ fit-tul kull fergħa minnhom. Għal dawk li huma xogħlijiet ta' proża Cremona tana bijografiji, novelli, rumanzett ta' 70 paġna *Ktajjen Maqtugħa*, saġġi, ħafna minnhom dehru f'editorjali f'*Il-Malti*, u studji bbażati fuq l-iżvilupp letterarju, artistiku u soċjali u fuq ambjent u mkejjen lokali bħal "L-Ospizju tal-Furjana", "Għawdex fi Ċkuniti", "Ħal Tarxien f'Żgħożiti", "Monumenti f'Ġonna Pubbliċi". Tana studji dwar il-proża u l-poeżija fil-letteratura Maltija, it-traduzzjonijiet tal-Bibbja bil-Malti, l-arti drammatika f'Malta, il-letteratura Maltija fir-Radju, u r-rabta li hemm bejn il-folklor u l-Ilsien Malti – materji ta' interess storiku u lingwistiku.

Fir-rumanz *Ktajjen Maqtugħa* jagħtina mera ta' ħajja realistika fil-bidu tas-seklu Għoxrin: familja mfarrka, il-missier mifrud minn martu u minn bintha, martu min-naħa l-oħra mifruda minn bintha. Ta' min hi l-ħtija? Tiegħu li ħalla s-saħna tad-demm tegħelbu u ma ssabbarx u ma għadirx? ... Tagħha li għal darba tnejn taqa' għall-ħajja taż-żina u tal-lussu? ... Minn hawn joħroġ il-messaġġ illi l-għada li titrabba fiha l-kefen biss ineħħiha. Fir-rumanz jinħass ħafna s-sentimentaliżmu, jagħti deskrizzjonijiet ta' kwadri naturali u juri maturità u esperjenza umana.

Fost l-aħjar novelli li kiteb Cremona nsemmi "Stedina f'Raħal", "L-Ibleh taż-Żenqa t-Twila", "Wara Sidu sal-Mewt", "Hekk kien Miktub". L-ingredjenti prinċipali li wieħed jinnota f'dawn in-novelli huma: naturalezza ta' karattri u ta' ambjent, sens ta' osservazzjoni, ċarezza fl-idjoma, djalogar naturali.

Kieku kelli nibqa' ngħid x'kiteb Cremona, kieku neħtieġ wisq aktar ħin. Iżda ma nistax inħalli barra kapolavur tiegħu li juri reqqa fl-istudju u r-riċerka, il-bijografija dokumentata ta' *Mikiel Anton Vassalli u Żminijietu*. L-ewwel ma bdiet tidher f'*Il-Malti*, imbagħad inġabret fi ktieb fl-1937. Fl-1940 May Butcher għamlet traduzzjoni tagħha bl-Ingliż *Vassalli and his Times*.

Il-ħajja ta' Vassalli, Cremona jiddeskriviha bid-dettalji ta' dokumenti li, fi kliem Cremona nnifsu, "wara bosta tiftix, tgħarbil, tisfiq ta' wiċċ u xi nefqa wkoll, irnexxieli bit-taħdit nikxef u ndabbar xi dokumenti, u fuqhom ngħaqqad xi bċejjeċ ta' ħajtu."

Wara din il-bijografija Cremona tana bijografiji oħra ta' nies prominenti: Ġan Franġisk Bonamico, Ġ.P. Agius de Soldanis, Temi Zammit, Ġanni Vassallo, Napuljun Tagliaferro, E.B. Vella, l-avukat Carmelo Mifsud Bonnici (il-Gross), Ninu Muscat Fenech, in-nutar Carlo Micallef de Caro, Rikard Mifsud Bonnici, Rużar Briffa, Ġużè Muscat Azzopardi, John Hookham Frere, Preca bħala filologu u Patri Anastasju Cuschieri, O.C.

Mhux għalxejn l-Università tagħna bħala l-ogħla awtorità kulturali u akkademika ta' Malta onoratu fl-1963 bit-titlu tad-Dottorat tal-Letteratura (Honoris Causa), u fis-sena 1947 ngħata l-Midalja tad-Deheb, il-Premju Ġużè Muscat Azzopardi, għall-ħidma twila u fejjieda li għamel fil-qasam filoloġiku u lingwistiku u għax-xogħol intellettwali fil-għalqa tal-Malti li jinfirex tul il-medda kollha tal-kitba, poeżija, drammi u proża, u ta' l-istudju tal-Malti.



**Is-Sinjorina Karmen Mikallef Buħaġar (Membru Onorarju ta' l-Akkademja tal-Malti) tgħix Londra, fl-Ingilterra. Għandha għożża kbira għall-Ilsien Malti, u kull meta tiġi żżurna turi dan anki bi tqegħid ta' kuruni quddiem monumenti ta' awturi Maltin, speċjalment dawk ta' Dun Karm. F'dan ir-ritratt Karmen tidher flimkien mas-Sur Pawlu Mizzi (Direttur ta' Klabb Kotba Maltin) wara li qiegħdet kuruna quddiem il-monument ta' Ninu Cremona, fir-Rabat, Għawdex.**

# Dr. Antonio Cremona bħala Filologu u Grammatiku

*Ġużè Aquilina*

Dr. Antonio Cremona (1880–1972), li l-ħbieb tiegħu, fosthom jien u oħrajn, konna nsibuh bl-isem familjari tas-Sur Nin, wieħed mill-kolonni l-kbar tal-Lsien Malti, jistħoqqlu jkun studjat aktar fil-fond bħala kittieb ta' proża u poeżija kif jidhru miġburin fiż-żewġ antoloġiji tal-kitba tiegħu maħruġin mill-Università fl-1970, i.e. *Antoloġija ta' Proża Maltija* u *Mis-Siġra ta' Ħajti: Weraq mar-Riħ*, bħala drammaturgu klassiku kif jidher f'*Il-Fidwa tal-Bdiewa*, bħala *grammatiku* kif jidher fix-xogħol tiegħu *Tagħlim Fuq il-Kitba Maltija*, bħala *folklorista* kif jidher f'diversi studji fuq dan is-suġġett, u bħala *filologu*, is-suġġett li tqassam lili biex nitkellem fuqu llejla.

Imma qabel nidħol fil-qalba tas-suġġett, irrid l-ewwelnett infisser il-kelma *filoloġija*, imbagħad infisser il-kelma *lingwistika* u x'jagħżel dawn iż-żewġ xjenzi ta' lsien il-bniedem minn xulxin. Il-kelma *filoloġija* hi mibnija minn żewġ kelmiet Griegi, *philo*, 'imħabba jew ġibda għal xi ħaġa' + *logos*, 'diskors, taħdit'. Mela l-filoloġija hija x-xjenza tal-lingwa. Din il-kelma kull tant tintuża f'sens wiesa' ta' mħabba ta' l-għerf u tal-letteratura. F'dan is-sens fit-Taljan tissejjaħ ukoll *filologia* nkella *glottologia*.

Il-lingwistika, li fl-Ingliż tissejjaħ *linguistics*, hija l-istudju soċjali tal-lingwa. L-element soċjali jagħżilha mill-filoloġija jew glottoloġija, li tistudja l-mekkaniżmi tal-lingwa fihom infushom u mhux fir-rabta tagħhom mas-soċjetà. Dawn iż-żewġ xjenzi, madankollu, għandhom bżonn xulxin biex wieħed jagħti kwadru sħiħ ta' l-istudju lingwistiku u anki biex tiffissa l-alfabet tal-lingwa fuq sisien sodi. Storikament f'Malta għal ħafna snin, l-aktar fl-ewwel żminijiet meta bdew isiru sforzi biex il-Malti jinkiteb sewwa skond surtu u xejrtu, ma kellniex studjużi mħarrġin minn studjużi esperti fl-istudji tal-filoloġija u tal-lingwistika. Għalhekk l-ewwel sforzi kienu sforzi aktar ta' dilettanti milli ta' esperti. Imma tistagħġeb kif, madankollu, fi żmien meta kulħadd kien jikteb il-Malti bil-widna, jiġifieri kif jisimgħu u barra bid-daqq, nibtu soċjetajiet ta' studjużi serji li fasslu alfabet għal kitba uniformi bħalma huma s-*Soċjetà Medica* (1841), L-*Accademia Filologica* (1843), is-*Società Economica Agraria* (1849), u x-*Xirka Xemia/ Soċjetà Semitika* (1880). Dawn is-soċjetajiet irnexxielhom joħolqu alfabeti tajbin biżżejjed biex jassiguraw l-uniformità fil-kitba. Barra dawn kien hemm ukoll diversi

kittieba li ħolqu alfabet għalihom, fosthom il-kanonku Għawdxi De Soldanis (1712-1770) u Mikiel Anton Vassalli (1764-1829) li, għalkemm aqwa bħala lessikografu, ħoloq alfabet ta' taħbil ir-ras, u Annibale Preca (1830-1901). Imma sa ma ħareġ it-*Tagħrif* ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti (1924) minn żmien għal ieħor baqgħu jsiru ħafna tibdiliet fl-alfabet. Biex nagħti xi eżempji l-ittra *għ*, li minn dejjem kienet tħabbat ras l-istudjużi, tbiddlet ħamsa u għoxrin darba u l-ittra *q* tbiddlet disa' darbiet. Dan it-tibdil li juri nuqqas ta' stabbilità waqaf, jew ma baqax isir, mis-sena 1934 'l hawn meta l-Gvern irrikonoxxa l-alfabet ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti bħala uffiċjali.

It-*Tagħrif* magħġun minn din l-Għaqda, waqt li hu xogħol tal-kummissjoni flimkien, inbena l-aktar minn Ninu Cremona bil-għajnuna ta' studjuż ieħor li messu jkun magħruf iżjed. Dan l-istudjuż hu Ġanni Vassallo (1862-1937), l-awtur ta' *Il-Muftiħ tal-Chitba Maltija* (1902), *L-Ortografia Maltese* (1928) u *It-Tieni Muftiħ tal-Kitba Maltija* (1930). Dawn il-kotba huma xhieda tal-kapaċità lingwistika u tal-moħħ analitiku ta' l-awtur, studjuż, ħabib li s-Sur Nin kellu opinjoni għolja tiegħu. Żewġ studjużi serji li bejniethom bnew it-*Tagħrif* u żammew fil-għoli l-awtorità u l-prestiġju ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti.

Ġanni Vassallo mhux magħruf daqs kemm imissu, għax il-memorja tan-nies hi qasira u l-istudji superfiċjali. Imma Cremona baqa' jiftakar fih mhux biss bħala studjuż tal-Malti imma bħala l-imgħallem tiegħu li qabbdu t-triq tal-Malti fi żmien li l-istess Cremona kien għadu preġudikat kontra l-Malti. U ta' min ifaħħar lil Cremona għall-integrità tiegħu bħala studjuż tal-Malti talli stqarr l-influwenza ta' Vassallo fuqu, kif naraw minn din is-silta meħuda mit-taħdita li kien għamel minn fuq ir-"Rediffusion" meta fit-18 ta' April, 1948 tqiegħdet bħala Tifkira l-Irħama b'Iskrizzjoni mal-ħajt tad-dar fejn Vassallo għex l-aħħar żmien ta' ħajtu, ir-Rabat, Għawdex:

"Jien għadni niftakar dan il-bniedem, meta l-Malti kien għalija lsien ta' mingħajr alfabet, ta' mingħajr grammatika, ta' mingħajr letteratura, ftit snin inqas minn nofs seklu ilu, meta taħt siġra tal-Ġnien tal-Mall, il-Furjana, għall-ħabta ta' nżul ix-xemx, bil-qiegħda fuq bank, bil-bastun f'idu jħażżeż fl-art u jfisser lili u lil erbat iħbieb tagħna, li konna niltaqgħu kull filgħaxija, ir-reguli razzjonali u sbieħ tal-lsien Malti. Dik il-ħabta Ġanni Vassallo kien kollu ħeġġa għall-istudju tal-Malti li hu sab sabiħ u interessanti daqs it-Taljan, daqs il-Franċiż, daqs l-Ispanjol u daqs l-Ingliż, meta kien għadu kif ħareġ *Il-Muftieħ tal-Kitba Maltija* (1902) – fil-waqt li moħħi kien biss mixgħul bil-ġmiel ta' l-ilsna ewropej, fosthom l-iktar it-Taljan, u l-Malti kont narah ikrah u xejn interessanti. Kliem

ħabibi Ġanni dak iż-żmien ma kienx jidħol ħlief f'widna li kienet ittarrxet għal kollox bil-marda ta' preġudizzju kontra lsien art twelidi, u għalhekk, jien, bħal ħafna żgħażagħ u xjuħ ta' dari, kont inkemmex xufftejja u ninfexx fi tbissima sardonika, iżda ż-żmien ta raġun lil ħabibi Ġanni u tort lili u lil sħabi u lil xi nies oħra. Wara sew sew għaxar snin u xi sentejn fuqhom, kont iltqajt ma' ħabibi Ġanni għaddej bil-mixi minn triq ta' raħal f'Malta. Waqqaftu u tlabtu jgħidli minn fejn nikseb kopja tal-*Muftieħ* tiegħu. Dik il-ħabta, wara stedina minn ħabibi Ġużè Muscat Azzopardi, direttur ta' *Il-Ħabib*, tħajjart inħarbex xi versi bil-Malti u minn dak in-nhar ħabbejt lil Ġanni u lill-Malti wisq iżjed minn qabel u bħali donnhom kien ġralhom ħafna ta' żmieni u wisq iżjed ta' warajja."[1]

Forsi hemm min jaħseb li din in-nota bejjiena, barra li hi daqsxejn twila, lanqas ma hi flokha għax is-suġġett tat-taħdita tiegħi llum hu Ninu Cremona bħala filologu u grammatiku. Jien daħħalt din in-nota fit-taħdita b'sens ta' gratitudni għax la darba Ġanni Vassallo u Ninu Cremona t-tnejn flimkien ħadmu għat-twettiq ta' ortografija waħda fil-kitba tal-Malti jixraq li jissemmew flimkien.

Issa niġu għal Ninu Cremona.

Ħadd Daqsu ma xerred u ddefenda l-ortografija ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti bil-kotba tiegħu dwar *Tagħlim Fuq il-Kitba Maltija* fl-iskejjel. L-ewwel kitbiet tiegħu kienu proża u poeżija fil-ġurnal *Il-Ħabib*. Fis-snin 1921-25 ħabrek biex issir riforma fl-ortografija Maltija f'Kummissjoni mwaqqfa mill-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti fuq il-widna biss, kif jiktbu l-analfabeti. Beda jistħarreġ il-mekkaniżmu morfoloġiku tal-Malti li hu lsien Semitiku ta' nisel Għarbi (l-Għarbi tal-Magħreb), studja l-Għarbi waħdu u qabbel il-morfoloġija tiegħu ma' dik tal-Malti.[2] Xħin ġew għat-tiswir ta' l-alfabet il-membri tal-kummissjoni ma qablux f'kollox bejniethom kif għandu jinkiteb il-Malti. Mhux l-ittri kollha ngħoġbu. Il-membri tal-kummissjoni ħadu ż-żmien biex jiddeċiedu, u għamlu sewwa għax kien xogħol tal-ħsieb, xogħol ta' taqbil morfoloġiku. Bid-difetti kollha li jista' jkollha l-ortografija maħsuba minnhom, bħal sistemi ortografiċi ta' ilsna oħra, l-ortografija tat-*Tagħrif*, hi l-aħjar alfabet maħluq sa issa mill-istudjużi Maltin.

Fost l-ewwel poeżiji li Ninu Cremona kiteb, miġburin fi ktieb *Weraq*

1. A. CREMONA, 'Ġanni Vassallo', f'*Antoloġija ta' Proża Maltija*, Malta University Press, 1970, p.138.
2. Kiteb għall-Malta Historical Society studju twil dwar *L'antica Fondazione della Scuola di Lingua Araba in Malta* (1955).

*mar-Riħ* (1932), hemm poeżija gustuża, miktuba nhar is-7 ta' Settembru, 1921, f'ton ċajtier dwar l-alfabet Malti jisimha *Ultimae Nostrarum*, fi kliem Cremona "dwar l-aħħar ittri fl-alfabet Malti" li mhux kollha kienu maħsubin kif niktbuhom illum. F'nota f'qiegħ paġna 25 tal-ktieb tiegħu *Weraq mar-Riħ* Cremona kiteb: "B'din l-għanja mqabbla xtaqt nagħti mudell ta' kitba Maltija mibnija fuq l-alfabet Malti magħżul minn Kummissjoni ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti. Dan l-alfabet kien għad irid igħaddi f'laqgħa ġenerali tal-Kittieba tal-Malti. Il-*g̃* tbiddlet f'ġ u l-*ū* f'*w*."

Wara li semma l-alfabet ta' qabel, minn De Soldanis u Vassalli sa dak tax-Xirka Xemija fl-1880, Cremona jispiċċa b'dak li kienet għadha kif sawret l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti:

> Għaddeū mitt sena u fuqhom, mat-tlieta u tletin sena,
> li tūieldet biex titrabba, u għad trid ukoll tinbena,
> dil-kitba fl-għaqal tagħha bi ħżuż li jgħodd għaliha.
> Il-jedd ta' niesna kiber u l-id għadha tarbija
> ma tafx ħlief tg̃erfex ittri bla sengħa, bl-ebda qies,
> għalkemm irridu nidhru fis-Setgħa b'dan il-lbies.
> Kemm se' ddum tiknes ittri biex issib ūaħda taqbel
> ma nafx, ja Malti safi. Jien għax ma sibtx li naqbel
> ma' kemm il-kitba ūrejtek, natik din l-aħħar ūaħda.
> Knisthielek mis-suq tagħna, mid-daūl tax-xemx imċaħħda.

Dan l-alfabet li ssawwar meta jien kien għad għandi għaxar snin sar alfabet imsejjaħ Fonetiku, il-bażi tal-kitba bil-Malti. Imma darba waħda nqala' maltemp, maltemp politiku. Il-Ministru ta' l-Edukazzjoni ta' dak iż-żmien nafar meta ra l-Malti jinkiteb b'żewġ ittri, *j* u *w*, li ma jinkitbux fl-ilsien Taljan u biex jiffaċilita t-tagħlim ta' l-ilsien Taljan ordna li dawn l-ittri jitneħħew mill-kitba fil-gazzetta tal-Gvern u, naturalment, mill-iskejjel tal-gvern. Niftakar is-Sur Nin Cremona jiġi għandi l-Birgu mgħaddab u mikdud minn din l-impożizzjoni, igħidli kif kien qed iħossu mbarazzat li bħala impjegat tal-Gvern, Editur u Traduttur tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali bil-Malti (1927-1941) kien ikollu jobdi kontra qalbu. Imma mbagħad kiteb monografija jisimha *The Letters W & J in Maltese* (1934) biex jiddefendi xjentifikament iż-żewġ ittri mkeċċija mill-alfabet politikament. F'din il-kitba Cremona juri sens ta' filologu erudit, sens li narawh ukoll fil-kitba tiegħu *A Historical Review of The Maltese Language* (1945), "Dizzjunarji Maltin – Studju Kritiku" – f'*Il-Malti* (1954), "The Study and Teaching of Maltese" fil-*Journal of the Faculty of Arts*, Vol. 1 No.2, 1958, "The Classification of the Maltese Verb" fil-*Journal*

*of Maltese Studies*, No. 1 1961, "Il-vokalizzazzjoni tal-Verbi Maltin" f'*Il-Malti* (1939), "Notes on Maltese Grammar" f'*The Teacher* (1928) u f'diversi noti grammatikali u filoloġiċi f'*Il-Malti* (1925-61).

Fil-bidu ta' din it-taħdita għażilt bejn *filoloġija* u *lingwistika*. Ninu Cremona kien mgħallem minnu nnifsu, awto-didatta, għax qatt ma kien mgħallem ix-Xjenza tal-Lingwa minn studjużi professjonali; għalhekk tistagħġeb kif minn rajh u b'ħiltu waħdu mhux biss wasal biex jifhem il-mekkaniżmu ta' lsien Semitiku u sar tabilħaqq filologu awtorevoli ta' l-ilsien Malti, imma wasal ukoll, imbuttat miċ-ċirkustanzi ta' żminijietu, biex jifhem waħdu n-natura soċjali ta' lsien il-poplu. Dan narawh l-aktar fit-taħdita twila dwar "X'inhu l-Malti Safi" li nqrat f'laqgħa ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti fl-1 ta' Marzu 1925 f'Palazzo De La Salle.

Il-politika partiġġjana, li minn dejjem saħħnet l-irjus, ħawdet u qasmet il-poplu tagħna, ħawditu u qasmitu wkoll dwar il-kitba ta' l-Ilsien Malti, għax min riedu safi, jiġifieri mingħajr l-ebda kelma missellfa mit-Taljan, bħal A.E. Caruana, l-awtur ta' *Vocabolario della lingua Maltese* (1903) u min riedu mħawwad u taljanizzat kemm jista' jkun anki fl-ortografija. Ninu Cremona, fit-taħdita tiegħu ħares lejn il-Malti bħala għodda soċjali għall-edukazzjoni u komunikazzjoni tal-poplu, u wera li ma hemmx lok għall-Malti safi. Hemm biss il-Malti kif inhu mitkellem mill-Maltin, kienet x'kienet l-etimoloġija.

Hawnhekk ta' min ifakkar il-kitba ta' studjuż ieħor, Napuljun Tagliaferro (1841-1915), jisimha "L'elemento Neo-Latino nel Lessico Maltese" (1915). Dan l-istudjuż ukoll fetaħ it-triq għall-istudju xjentifiku ta' kliem ta' nisel Latin (mill-Isqalli u t-Taljan) fil-Malti.

Nagħlaq din it-taħdita billi nħeġġeġ lill-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, biex minn żmien għal ieħor mhux biss tfakkar pijunieri oħra tal-Malti bħal Napuljun Tagliaferro, il-Professur P.P. Saydon u Sir Temi Zammit, il-ħbieb ta' Dun Karm, pijunier ieħor tal-Malti, imma tħeġġeġ ukoll l-istudju xjentifiku ta' l-ilsien Malti biex l-Akkademja nfisha tissaħħaħ minn barra u minn ġewwa biex tkun u tibqa', kif għandha tkun, l-awtorità li tieħu ħsieb l-Ilsien Malti.

# Xi Rqaqat oħra dwar l-Alfabet ta' l-Għaqda

*Joseph J. Camilleri*

Meta fl-14 ta' Novembru, 1920 twaqqfet l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, il-Problema tal-Lingwa (1813-1934) kienet fl-aqwa tagħha. L-ewwel inizjattiva ta' l-Għaqda kienet il-ħatra ta' Kummissjoni biex issawwar alfabet ġdid. Dan ġie approvat fil-Laqgħa Ġenerali tat-18 ta' Diċembru, 1921. Is-Segretarju ta' l-Għaqda, F.S. Caruana, erbat ijiem wara bagħtu lill-Kap tal-Ministri u talbu jadottah fil-pubblikazzjonijiet bil-Malti. L-ittra għaddiet għand il-Ministru ta' l-Istruzzjoni Pubblika, iżda din baqgħet għandu bla ma sar xejn dwarha.

L-Għaqda ssuġġeriet l-użu ta' l-alfabet tagħha fil-pubblikazzjonijiet bil-Malti u mhux li jidħol fl-iskejjel għax kienet taf illi, kif kienu ċ-ċirkustanzi, il-gvern lanqas biss kien jikkonsidra talba simili, aħseb u ara jaċċettaha.

Ninu Cremona, bħala membru tal-Kunsill ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti u tal-Kummissjoni ta' l-istess Għaqda biex tfassal ortografija u alfabett uniformi, kif ukoll bħala l-Uffiċjal inkarigat mill-pubblikazzjonijiet bil-Malti, sab ruħu f'dik il-kontroversja fi żmien diffiċli. Jien ma nafx x'reazzjoni kellu Cremona għall-ewwel talba ta' l-Għaqda, jiġifieri dik tat-22 ta' Diċembru, 1921. Il-minuta kontroversjali ta' Cremona ta' l-4 ta' Frar, 1930 (ippublikata f'*Il-Malti*, 1989), kienet ir-riżultat tat-tieni ittra ta' l-Għaqda dwar l-istess suġġett illi ntbagħtet lill-Gvern fil-5 ta' Diċembru, 1929, jiġifieri dwar it-talba biex "idaħħal l-alfabet imwaqqaf minnha għallanqas f'dawk id-dokumenti li għandhom karattru permanenti." Bejn l-ewwel u t-tieni ittra kienu għaddew tmien snin mingħajr ma l-awtoritajiet ħadu ebda deċizjoni.

Fl-intervall l-isforzi ta' l-Għaqda ma naqsux. Fl-1924 ħarġet *It-Tagħrif fuq il-Kitba Maltija*, li, fuq il-mozzjoni li d-deputat laburista Turu Mifsud għamel fit-22 ta' Novembru, 1923, ġie stampat fl-Istamperija tal-Gvern. Iżda billi l-alfabet ta' l-Għaqda ma kienx għadu ġie mogħti għarfien, baqgħu joħorġu kitbiet b'alfabeti oħra, bħal p.e., it-Tieni Ktieb ta' G. Vassallo, *Il-Muftieħ*. Sa dak iż-żmien il-Malti kien jinkiteb bi kważi erbgħin ortografija differenti. L-Għaqda stampat *Il-Malti* bl-ortografija l-ġdida, kif għamel ukoll il-Partit tal-Ħaddiema fil-pubblikazzjoni tiegħu *Il-Kotra* (1925). Kien hemm ċaqliqiet oħra pożittivi. Dan l-alfabet għamel xi żmien jintuża fl-iskejjel. Gerald Strickland ressaq mozzjoni biex il-Kostituzzjoni tiġi stampata bil-Malti (24 ta' Marzu, 1925). Mons. Dandria aċċetta l-fatt li l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti kellha l-għan li xxerred u tgħallem il-Malti u li tistandardizza l-lingwa (tweġiba lis-senatur Sammut). Għall-ħabta ta' l-1927 kien hemm tentattivi oħra biex il-Malti jiġi

standardizzat u din l-idea kienet dehret fil-*Malta Daily Chronicle*. L-editur ta' *Il-Bidwi*, C. Zammit Marmarà, feraħ lill-Ministru dwar dik il-ħaġa, iżda fl-ittra li bagħatlu fl-24 ta' Novembru, 1927, qallu wkoll li l-ortografija l-ġdida ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti ma ġietx aċċettata mill-pubbliku għax ma kenitx popolari. Ir-raġuni kienet illi n-nies li għandhom x'jagħmlu *"cannot spend time to study complicated orthographies..... if success is desired, it is necessary to form an orthography which simplifies matters, thus making it easier to read and write the Maltese Language."*

Il-qagħda ħżienet meta d-Direttur ta' l-Edukazzjoni ħareġ direttivi lill-għalliema fis-6 ta' Settembru, 1932 li kienu jgħidu: *"that Maltese is to be taught as it is commonly spoken; that it is to be written as it is pronounced; that the teaching of the vernacular should be as such as to enable the students later on to learn the Italian Language with greater facility."*

L-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti ma qablitx ma' dik iċ-ċirkulari u fl-1 ta' Ottubru, 1932 F.S. Caruana kiteb lill-Kap tal-Ministri, tah il-fehmiet ta' l-Għaqda dwar il-punti msemmija u talab biex dik iċ-ċirkulari tiġi rtirata. Ta' min hawn jgħid illi d-Direttur A.V. Laferla kien qiegħed isegwi l-istruzzjonijiet tal-Ministru għax ftit żmien qabel ma ħareġ dik iċ-ċirkulari kien, fil-fatt, issuġġerixxa biex l-alfabett ta' l-Għaqda jiġi adottat fit-tagħlim tal-Malti kif juru dawn il-minuti:-

Hon. P.M.I. (ad int.),

Will you, please, approve of the following in connection with the teaching of Maltese:-

Maltese Reading and Colloquial English to be taught in Stage I.

English Reading to be started either at the end of the first half-year of Stage II, or in Standard I. (Experience will show when the children will have learnt enough Maltese reading to proceed to English Reading.)

N.B. The above does not refer to such pupils as started English Reading in Stage I and will be in Stage II in 1932-1933.

During two hours per week, Maltese Reading will be taught in all the Elementary Classes. During 1932-33, however, this will only be done from Standard III upwards.

*Alphabet.* The "Għaqda" alphabet is to be adopted, but "v" is to be substituted for "j".

During 1932-33, a Maltese anthology will be published and teachers are to adapt it to the different classes.

28.7.32 (Sgd) Alb. Laferla
D.E.S.

a/H. of M.,

Submitted for Cabinet's decision.

28.7.32 (Sgd) G. Micallef
M.P.I. (ad int.)

Il-kelmiet fil-minuta ta' Laferla *"but 'v' is to be substituted for 'j'"* ma jinftehmux. Hemm xi żball. Il-Ministru, flok li ħa deċiżjoni dwar il-

minuta, għaddieha lill-Kabinett. Fl-1 ta' Settembru, 1932 ġie deċiż fil-Kabinett illi l-Malti kellu jinkiteb kif mitkellem.

D.E.S.,

It has been decided in Cabinet to-day that the Maltese Dialect should be taught in the Elementary Classes, as it is commonly spoken and that it should be written as pronounced. I have already explained to you verbally that in view of the fact that our dialect contains nowadays a very large number of Italian words or of Italian origin I am anxious that the teaching of the vernacular should be such as to enable the students later on to learn with greater facility the Italian Language, the more so that in accordance with Clause 1 of the Letters Patent issued on the 2nd May 1932 "the English and Italian languages shall be recognised as equal languages of culture in Malta at the University and in the Secondary Schools."

Maltese should be taught for one hour a day in all Elementary Classes and the anthology to be used is to be the one which shall be ordered by me and compiled with my approval.

As regards English reading I perfectly agree with you "that experience will show when children will have learnt enough Maltese reading to proceed to English reading."

In the Infant classes the time to be given to Maltese is to exceed one hour as it is to serve as a medium for teaching reading.

1.9.32. (Sgd) Enrico Mizzi
M.P.I.

Hon. M.P.I. ad int.,

You have asked for this file.

22.9.32 (Sgd) Alb. Laferla
D.E.S.

Riżultat ta' din id-deċiżjoni kien illi E. Mizzi, il-Ministru ta' l-Istruzzjoni Pubblika, talab lill-Kap tal-Ministri biex jagħti direttivi lill-uffiċjal inkarigat mill-pubblikazzjonijiet bil-Malti biex jimxi fuq id-deċiżjonijiet tal-Kabinett.

Fl-istess waqt, il-Ministru bagħat lil Cremona żewġ pubblikazzjonijiet bil-Malti biex Cremona jista' jirregola ruħu fuqhom. Waħda minn dawn kienet din. Cremona deherlu illi dawn ma kenux gwida biżżejjed biex jimxi fuqhom u għalhekk talab aktar dettalji.

**NOTIFICAZIONI TAL-GVERN**

(No.349)

NGĦARRFU illi ic-Circulari, li kiegħda ma din in-Notificazioni, duar it-tagħlim tat-Talian bhala materia volontaria inbaghatet lill genituri u lit-tuturi tat-tfal ta' l'Ischejjel Elementari u biha gharrafna ucoll lis-Surmastrijet Principali colla ta' l'istess schejjel sabiex dauna jimxu fuka.

4 ta' Ottubru, 1932 ENRICO MIZZI,
Ministru ta' l-Istruzioni Pubblica.

*(Circulari).*

UFFICIU TAL MINISTRU TA L'ISTRUZIONI PUBBLICA

Auberge de France,-Valletta.
L'1 ta Ottubru, 1932.

Siniur,

L'Onorabbli Dr. Enrico Mizzi, Ministru ta' l'Istruzioni Pubblica, incaricani biex ngharrfec illi il-Gvern bi hsiebu iuakkaf fl'Ischejjel colla Elementari ta Malta u Ghaudex, cors ghat-taghlim tat-talian mill l'euuel sa l'ahhar classi elementari ghal dauc li icunu iridu jitghalmuh.

Il genituri u it-tuturi colla, li ma iridux ihallu it-tfal tahhom jeu tfal taht il cura tahhom, jehdu dan il cors ta taghlim, huma mitlubin illi jgharrfu b'dan il hsieb tahhom lis-segretariu li ghandu ismu iffirmat haun taht jeu lis-surmastrijet jeu lis-"Signore" principali ta' l'iscola fein imorru it-tfal tahhom jew tfal li ghandom il cura tahhom, u dana jaghmluh mhux izied tard mill'10 ta dan ix-xahar.

Il genituri u it-tuturi l'ohra m'ghandomx bzonn iuegbu ghal din l'ittra, ghaliex ghal ragiunijiet li huma uisk ciari, jitkiesu li huma favur illi it-tfal tahhom jeu tfal taht il cura tahhom jigiu mictubin f'dan il cors ta taghlim. Barra cull ragiuni ohra, culhadd jaf infatti illi it-taghlim ta l'ilsien talian huua ta' licbar feida, sahansitra ghal dauc illi il kuddiem ma icunux jistghu jeu ma icunux iridu icomplu studi tahhom fl'Ischejjel Secondarj jeu fl'Università.

Cull tifel icun jista imur ghal dan il cors elementari mingair ebda hlas, u icun jista jidhol ghal dauc il premjiet li jinghatau lil dauc l'istudenti li icun jisthokkilom l'izied u icunu ghaddeu mill'esamijiet.

Imhabba l'Ittri Patenti li ghaddeu f'Malta it-2 ta Mejju, 1932, il-lezzionijiet tat-talian icollom isiru barra il hinijiet iffissati mil Gvernatur fil Minuta li chien hemm miziuda ma daun l'Ittri Patenti. Sadattant b'Circulari ohra jew b'avvis pubblicu, il kuddiem tinghata id-data tal bidu ta daun il-lezzionijiet ghat taghlim ta l'ilsien talian bhala materia ta studiu ghal dauc li icunu iridu jitghalmuha, chif ucoll il hinijiet ta daun il-lezzionjet.

Ghandi l-unur, Siniur,
nghodd ruhi
serv tieghec,
F. CAMILLERI
Segretariu

MINISTRY FOR PUBLIC INSTRUCTION

**SUBJECT**

Instructions anent Maltese Orthography and Terminology,

Submits

**MINUTES**

**(1)**

H. of M.,

As the Maltese ortography which is being used in the translation of Government Notices and other official publication is not uniform, I believe you would do well to direct that the officer in charge of such translations be instructed to use the ortography adopted at my behest in Government Notices Nos. 349 and 360 published in the Gazette on the 4th and 14th October last respectively.

2. Such directions do not only conform with the decisions arrived at by the Cabinet, but

are also based on the principle enunciated by the great majority of both Houses of Parliament in the resolutions approved on the 31st October and 9th November last; in view of which the Maltese used in such translations should also be as commonly spoken.

7/12/32 Enrico Mizzi

Minister for Public Instruction.

(2)

the orthography prescribed by the Hon: the Minister for Public Instructions.

I have the honour to be,

Sir,

Your Obedient Servant

A. Cremona

The Superintendent
of the Govt. Printing Office.

Riżultat ta' din l-ittra kien proprju dak illi żgur li Cremona ma xtaqx. Il-Ministru E. Mizzi bagħat istruzzjonijiet fis-27 ta' Diċembru 1932 ta' kif għandu jinkiteb il-Malti. Dawn l-istruzzjonijiet li dehru f'*Il-Malti*, 1989, pp.35, 36 kienu ħarġu f'Ċirkulari għall-għalliema kollha taħt il-firma ta' A.V. Laferla fit-13 ta' Jannar, 1933. Għad li mingħalih il-Ministru kien solva l-problema, aktar inqalgħu intoppi għaliex xejn ma kien mibni fuq bażi soda u xjentifika. Per eżempju, id-deċiżjoni li ttieħdet dwar il-pubblikazzjoni tal-*Melita Agricola* hi eżempju ċar ta' indeċiżjoni u kontradizzjoni. Waqt li kien hemm struzzjonijiet għall-uniformità fil-kitba bil-Malti, għax il-*Melita Agricola* tqieset bħala semi-uffiċjali, ma nstabitx oġġezzjoni biex min jikteb fiha juża l-ortografija li jidhirlu hu.

**NOTE**
**MPI 6/4/32**

I have yesterday had an interview with the Minister for Agriculture and special reference was made to the semi-official publication *Melita Agricola* and to the orthography followed in that publication. Since the publication in question cannot be considered official as other Government publications, it was agreed that the writers in that review should be left free to use the orthography they preferred. The Minister for Agriculture further declared that the articles of the contributors thereof do not necessarily represent his views or the views of the management of that Review.

7/1/1933 E. M.

Minister for Public Instruction.

Ma jistax jonqos illi m'hemmx aktar dokumentazzjoni dwar dan il-perijodu. Ta' min jittama illi l-battal li fadal għad jimtela ma jdumx.

# L-Alfabet ta' l-Għaqda u Ninu Cremona

## ħarsa oħra lura

*Ġużè Cassar Pullicino*

Is-Sur J.J. Camilleri ħareġ għad-dawl ħames ittri importanti bħala Appendiċi mal-kitba tiegħu fil-ħarġa ta' *Il-Malti* tas-sena 1989 (pp. 28-36). Tlieta minnhom (App. Ċ-E) kien ġiebhom qabel, fl-istudju tiegħu *Storja ta' l-Edukazzjoni f'Malta* (Żjieda Ċ, pp. 124-139), manuskritt fil-Librerija ta' l-Università msemmi f'kitba qasira "Dwar Ninu Cremona" li dehret f'*Il-Polz* (Għadd 24, p.17, ta' Marzu-Awissu, 1973).

Huwa xieraq li l-ġenerazzjoni tal-lum tkun mgħarrfa bil-ħafna aspetti tal-kwistjoni tal-lingwa ta' 60 sena ilu, safejn kienet tolqot lill-Għaqda u 'l-Ilsien Malti. Biex jintlaħaq dan il-għan m'hux biżżejjed li tagħżel ftit dokumenti milli jkollok f'idejk u tiffoka bihom biss fuq bniedem bħalma kien Ninu Cremona fiċ-ċentru ta' dak li kien qed jiġri dwar il-Malti f'dak iż-żmien.

Hawnhekk jiena biħsiebni l-ewwelnett niċċara xi punti storiċi u fl-istess ħin noħroġ dokumenti oħra li ltqajt magħhom jien u li jitfgħu iżjed dawl fuq il-pożizzjoni li kien ħa Ninu Cremona dwar l-użu ta' l-alfabet ta' l-Għaqda fil-pubblikazzjonijiet tal-Gvern. Minn din id-dokumentazzjoni l-qarrejja jistgħu jieħdu idea aħjar (a) tal-pożizzjoni dgħajfa li l-Għaqda sabet ruħha fiha fiż-żminijiet diffiċli ta' taqlib politiku fl-1932, (b) tal-ħidma ta' Cremona fl-istess żmien biex għall-inqas ma jitwarrbux xi ittri ta' l-alfabet u bosta mill-prinċipji ortografiċi li kienu jaqblu ma' ta' l-Għaqda, kif ukoll (ċ) li kien biss għal raġunijiet prattiċi u biex, kif ngħidu, ma jintilfux il-qaleb u l-ġbejna, li Cremona sostna u ta parir lill-Gvern fl-1929-32 (App. D-E) biex *għall-mument* jibqa' miexi bl-ortografija li kien juża qabel *sakemm jidħol fl-iskejjel it-tagħlim tal-Malti bl-ortografija ta' l-Għaqda*.

Tajjeb li nagħmluha ċara illi meta l-Għaqda kitbet lill-Ministru ta' l-Istruzzjoni Pubblika t-tieni darba fil-5 ta' Diċembru, 1929 (App. Ċ), il-Ministru ma kienx Dr. E. Mizzi iżda l-Prof. Gustu Bartolo, tal-Partit Kostituzzjonali, li kellu din il-karika minn Awissu 1927 sa Ġunju 1930. U meta l-Gvernatur issospenda l-Kostituzzjoni kif ukoll l-elezzjonijiet fis-26 ta' Ġunju, 1930 huwa żamm lill-Ministri, fosthom lil Sir Augustus Bartolo, iżda għall-konsultazzjoni biss, sakemm saru l-elezzjonijiet ta' Ġunju, 1932, u Dr. Mizzi kien Ministru ta' l-Istruzzjoni Pubblika l-ewwel *ad int.* u mbagħad, wara l-mewt ta' Mons. E. Dandria fit-3 ta' Lulju,

permanenti.[1]

Dan jispjega l-għaliex, bit-taħwid politiku li kien hawn fil-pajjiż bejn Frar u Ġunju, 1930, meta l-Kostituzzjoni ġiet sospiża, kif ukoll wara, tul l-1931, bl-istħarriġ tal-Kummissjoni Rjali, imbagħad il-ħruġ tar-Rapport tagħha, u l-emendi fil-Kostituzzjoni li wasslu għall-elezzjonijiet ta' Ġunju, 1932 u tela' Gvern ieħor, ftit li xejn seta' jsir biex tittieħed deċiżjoni mill-Gvern fuq it-talba ta' l-Għaqda tal-5 ta' Diċembru, 1929.

Fit-23 ta' Ġunju, 1932 il-Gvern il-ġdid ħareġ ordni lill-Istamperija tal-Gvern, fejn kien impjegat Cremona, biex isir xi tibdil fl-ortografija tal-Malti fil-Gazzetta tal-Gvern. Cremona basar x'kien ġej u, biex jilqa', fil-karika tiegħu ta' Traduttur u Editur tal-pubblikazzjonijiet bil-Malti, fit-28 ta' Lulju, 1932 huwa ressaq lill-Kap tal-Ministeru rapport li bih ipprova jikkonvinċi lill-Gvern biex għallinqas jinżammu l-alfabet u l-ortografija li kienu ilhom jintużaw iżjed minn 40 sena u li, kif nafu, ma tantx kienu jitbiegħdu minn dawk ta' l-Għaqda. Silta twila minn dan ir-rapport, meħuda minn kopja li Cremona kien għadda lill-Prof. Ġ. Aquilina, dehret stampata fil-*Papers in Maltese Linguistics* (1961) u qegħdin inġibuha hawnhekk bħala Dokument Nru. 1.

Wara li l-Gvern baqa' miexi bil-ħsieb tiegħu u ħarġet iċ-Ċirkolari ta' Dr. Laferla, Direttur ta' l-Iskejjel Elementari, tas-6 ta' Settembru, 1932 bid-direttivi tal-Ministru dwar it-tagħlim u l-kitba tal-Malti (Dok. Nru. 2), l-Għaqda kitbet uffiċjalment lill-Ministru nhar l-1 ta' Ottubru, 1932 u mill-korrispondenza bejniethom li għalqet b'ittra oħra ta' l-Għaqda tad-9 ta' Novembru, 1932 nafu li l-Għaqda b'argumenti sodi talbet biex il-Gvern jirrivedi d-deċiżjoni li kien ħa dwar il-kitba tal-Malti u ppruvat tilqa' ruħha, bħalma għamlet l-"Għaqda tal-Malti (Università)" fl-istess żmien,[2] mill-attentat tal-Ministeru ta' l-Istruzzjoni Pubblika biex jinjora l-ħidma tagħha u jmewwet il-qalb ta' l-imseħbin ta' l-Għaqda. Għat-tagħlim obbligatorju tal-Malti mill-ewwel sa l-aħħar klassi ta' l-Iskejjel Elementari, il-Gvern waqqaf Kummissjoni ta' tlieta min-nies biex ilestu l-kotba tal-qari adattati għat-tfal skond id-direttivi maħruġin mill-Ministru tat-Tagħlim (Dok. Nru. 5).

1. Ara J.J. CREMONA, *An Outline of the Constitutional Development of Malta under British Rule*, Malta University Press, 1963, p.36; u Michael J. SCHIAVONE, *L-Elezzjonijiet f'Malta 1849–1981*, Pubblikazzjoni Bugelli, 1987, p.127.

2. Għal tagħrif dettaljat dwar dan l-episodju fil-ħajja ta' l-Għaqda tal-Malti (Università) ara x-xogħol tagħna *Aquilina u l-Malti*, Klabb Kotba Maltin, 1974, pp.23-28

Importanti li l-qarrejja jsiru jafu bil-korrispondenza bejn l-Għaqda u l-Gvern li qiegħda tidher hawnhekk fid-dokument Nru. 3, mhux biss għax f'din il-biċċa Cremona u l-Għaqda kienu qed jiġbdu ħabel wieħed, imma biex wieħed jifhem ukoll il-qagħda imbarazzanti u delikata ta' Cremona fil-karika uffiċjali tiegħu. Biżżejjed ngħidu li fi tweġiba tal-Kap tal-Ministeru għal Interpellanza ta' Dr. P. Boffa fis-seduta tas-7 ta' Novembru, 1932 hemm riferenza, b'ton kemm kemm mgħotti ta' theddid, sabiex persuni li jiddependu mill-Gvern għall-impjieg tagħhom – bħal Cremona, għal min jifhem! – ma jagħmlux iżjed protesti dwar l-ortografija ġdida wżata fil-Gazzetta tal-Gvern għax il-Gvern ma jaċċettax protesti mingħandhom (Dok. 4).

Niġu issa għall-Minuta ta' Cremona ta' l-4 ta' Frar, 1930 (J.J. Camilleri, 1989, App. D) u l-parir li huwa ta lill-Gvern ta' dak iż-żmien biex, *għall-mument*, ma jsirx tibdil fl-alfabet użat fil-pubblikazzjonijiet tal-Gvern.

Għandu mnejn ikun hawn min jistagħġeb illum li Cremona wera din il-fehma sittin sena ilu. Biss, tajjeb li wieħed jiftakar li (a) il-parir ta' Cremona kien intiż ħalli l-alfabet ta' l-Għaqda jirnexxi, u ma jiġrilux bħal dak tax-Xirka Xemija fl-1882-1888, u (b) li l-fehma ta' Cremona ma kenitx ħaġa li żammha sigrieta u li taha bil-moħbi u minn wara dahar sħabu ta' l-Għaqda. Kienet fehma sħiħa li huwa kellu, u li magħha kien jaqbel Ġanni Vassallo, grammatiku ieħor, fehma li Cremona wera fil-beraħ u fisser b'konsistenza fil-gazzetti u f'rivisti lokali tul il-perijodu 1929-1935, sa minn qabel ma F.S. Caruana kiteb lill-Ministru fil-5 ta' Diċembru, 1929. Is-siltiet minn pubblikazzjonijiet u minn ittri li huwa ħareġ fil-gazzetti ta' dak iż-żmien (Dok. Nri 7-10) juru sewwa kemm kien konsistenti fil-fehma tiegħu, l-iżjed fejn kien jisħaq illi biex l-alfabet ta' l-Għaqda jirnexxi jeħtieġ li qabel xejn jidħol u jibda jintgħallem fl-iskejjel. Nafu li kien hemm min fehmu ħażin dak iż-żmien – bħalma forsi jista' jiftiehem ħażin illum ukoll – mingħajr l-isfond li qegħdin nagħtu hawnhekk, kif jidher mill-ġustifikazzjoni tiegħu nnifsu li kiteb, wara li fl-1935 ir-Rev. C.L. Dessoulavy issuġġerixxa li huwa u xi oħrajn donnhom xellfu l-prinċipji ta' l-Għaqda (Dok. Nru. 10).

Dan li qed ngħidu jintrabat jekk wieħed iqis kemm ħabrek Cremona biex l-alfabet ta' l-Għaqda jirnexxi fit-tagħlim tal-Malti fl-iskejjel wara l-1934, kif huwa fisser fl-ewwel paragrafu tad-daħla għall-ewwel ktieb tat-*Tagħlim dwar il-Kitba Maltija*, miktuba f'Marzu, 1936 meta l-Malti kien diġà beda jintgħallem fl-iskejjel tal-Gvern u huwa kien inkarigat biex ilesti l-grammatika tal-Malti. (Dok. 11)

Fuq dan l-isfond u b'dan it-tagħrif quddiemna nġibu issa d-dokumenti li ġew f'idejna dwar l-alfabet ta' l-Għaqda u Ninu Cremona.

# Dok. I

**Silta mill-Osservazzjonijiet ta' A. Cremona, Traduttur u Editur tal-Pubblikazzjonijiet bil-Malti, mibgħuta lill-Kap tal-Ministeru nhar it-28 ta' Lulju, 1932 dwar l-Inkonsistenzi tal-bidliet li għamel il-Gvern fl-Ortografija tal-Malti fil-Gazzetta tal-Gvern.**

"... The letter *j* in Maltese is necessary for the proper organic structure of the word and cannot, therefore, from a grammatical point of view, be eliminated. For example: *tiswija* and *tiġrija* (infinitives of *sewwa(j)* and *ġerra(j))* are of the same structural form as *taħrica (ħarrec)* and *takbida (kabbad).* The last consonants *c* and *d* of these words are in juxtaposition with the *j* in *tiġrija* and *tiswija.* The dropping of *j* would affect the organic structure of the word as it would in the case of *taħrica* and *takbida* if the consonants *c* and *d* were similarly dropped. *Mogħdija* is practically of the same structure as *tiswija* and *tiġrija.* Morphologically these forms consist of three syllables each written, in Maltese, according to its natural pronunciation with the final diphthong *ja* preceded by the accented vowel. Similarly this form is also assumed by the Italian words with an accented penultimate as in the words *armonia* and *polizia.* These are "by analogy" written in Maltese *armonija* and *pulizija.* It should be noted that in Maltese a distinction is made between the accented termination *ia* in *armonia (armonija)* and the unaccented one in *giustizia (ġustizzja).* The spelling of *pulizija* and of any similar word is based on the rule that between the accented vowel of a syllable and the vowel of the next syllable there must be invariably a consonant. Examples: *hi-ja, hu-wa, fi-ha, fi-ja, du-wa, mi-ja, pru-wa,* and not *hi-a, hu-a, fi-a, fi-a* (observe that in the two latter words there is no distinction between them), *du-ua, mi-a, pru-a.* Any variation in this rule would considerably divorce Maltese spelling form the pronunciation and, in some cases, from the real meaning. The correct plural from of *tiġrija, tiswija* is *tiġrijiet* and *tiswijiet,* not *tiġriet, tiswiet,* as is being wrongly printed in the Government Gazette. The addition of the suffix *t* to form the plural throws the tonic accent on the final *a* giving it a long sound *a* which is commonly deflected into the dialectal sound *ie.* Examples: *ħmeri-ja, ħmeri-jiet; tiġri-ja, tiġri-jiet; tiswi-ja, tiswi-jiet.* It would, therefore, be also wrong to write *tiġriet* instead of *tiġrijiet.* By spelling *liġijiet* as *liġiet,* we would in this and other similar words entirely disregard the important element of accentuation. The plural of such words, as in the case of *siġġijiet, ommijiet,* etc. is *(i)jiet* and not simply *iet.* The changing of the consonant *j* into *"i"* as in *ġerrei* and the arbitrary retention of *j* in *ġerrejja* would render Maltese spelling inconsistent. The *j* as in *bejn, għajn, iżjed,* cannot, under any circumstances, be etymologically substituted by *"i".* This is governed by the rule that (a) *diphthongs are etymologically made up of a consonant (j or w) and a helping vowel;* and that (b) *each syllable cannot be made up of more than one vowel.* Under rule (b) which is also applicable by analogy to Romance words, *kummissarju, uffiċċju, Lulju,* cannot be spelt as *cummissariu, ufficciu, Luliu.* The letter *j* as in *jressak, jcun,* is the prefix of the verb of the third person (Imperfect Tense). It is a consonant like its cognate personal prefixes *n* in *nressak* and *t* in *tressak.* It cannot, therefore, be replaced by the vowel *i* unless it becomes euphonically absorbed into a vowel after a word ending in a consonant as in *irid icun.* Italian and Sicilian are practically written as they are vernacularly pronounced and not according to their etymology. The permutation of the Italian surd *s* into the sonant *ż* in *avviżi* is identical with that of *Trejżi, Żeża* (from Teresa). These are never written *Trejsi, Zesa,* or *Sesa.* The sound of *ż* when final is softened into the sound of *s* as in *Żes;* also *avviż* which sounds *avvis.* The softening of the final sonant occurs also in all other words. Examples: *bieb, bajd, żebbuġ, Franċiż, ħobż,* pronounced *biep, bajt, żebbuċ, ħobs, Franċis.* In Semitic words they are restored to their primitive sound

according to their etymology and in imported words according to the sound acquired in Maltese pronunciation. The real sound and spelling of such words is ascertained by the addition of a vowel or a syllable. Example: *bieb-a, bajd-a, żebbuġ-i, ħobż-a, Żeż-a, Żeżi-na, avviż-i.* It is no doubt to be lamented but it is a fact that the few changes made, if allowed to continue, could render the Maltese orthography inconsistent and would reduce it into an utterly disorganised transcription."

**(Miġjuba mill-ktieb ta' J. Aquilina, *Papers in Maltese Linguistics*, 1961, pp. 76-78)**

# Dok. 2

**Silta miċ-Ċirkolari maħruġa fis-6 ta' Settembru, 1932 minn Dr. A.V. Laferla, Direttur ta' l-Iskejjel Elementari, dwar it-Tagħlim tal-Malti.**

Le seguenti decisioni ministeriali sono pubblicate per informazione del corpo insegnante:

...

II.

Il maltese si dovrà insegnare per un'ora al giorno in ogni classe elementare.

Nelle classi infantili, dove il maltese deve servire di mezzo per insegnare la lettura, le direttrici vi assegneranno il tempo che riterranno necessario.

La minuta Ministeriale dispone:

1. Il dialetto maltese dovrà insegnarsi come è comunemente parlato e dovrà scriversi come si pronuncia.

2. In vista del fatto che il nostro dialetto contiene un grandissimo numero di parole italiane o derivanti dall'italiano, l'insegnamento del vernacolo dovrà essere tale da facilitare in seguito l'acquisto della cognizione della lingua italiana, molto più perchè, in base alla prima clausola delle Lettere Patenti del 2 maggio 1932, *l'inglese e l'italiano dovranno essere riconosciuti come lingue di cultura in pari grado all'Università e nelle scuole secondarie.*

....

**(Laqgħa ta' l-Assemblea Leġislattiva tal-31 ta' Ottubru, 1932 – Parliamentary Debates: Official Report, Vol. 21 Legislative Assembly Session 1932-33 First Part, ... Malta, Government Printing Office, 1935, p.88)**

# Dok. 3

**Korrispondenza bejn il-Għaqda u l-Gvern fuq id-disposizzjonijiet li ttieħdu dwar it-tagħlim tal-Malti fl-Iskejjel Elementari.**

(i)

Għaqda tal-Kittieba tal-Malti
266, S.da S. Paolo, Valletta.

L-1 ta' Ottubru, 1932

Sinjur,

Fuq id-deċiżjonijiet li ttieħdu mill-Ministru tat-Tagħlim dwar it-tagħlim tal-Malti fl-Iskejjel

Elementari, imfissrin f'Ċirkulari maħruġa fis-6 ta' Settembru li ħareġ, mid-Direttur tal-Iskejjel Elementari, lis-Surmastrijiet, il-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti", ix-Xirka Letterarja Maltija, imwaqqfa fl-1921, bil-ħsieb li tħeġġeġ l-istudju tal-Malti fuq sisien tajba tal-grammatka, tinsab fid-dmir li tagħmel u tressaq dawn l-osservazzjonijiet sabiex il-Gvern jogħġbu jiflihom.

2. "Il-Għaqda" jidhrilha tajjeb u bir-raġun illi l-metodu tat-tagħlim tal-Malti fl-Iskejjel Elementari, kif ġie ordnat fiċ-Ċirkulari tad-Direttur, jekk jitwettaq u jseħħ, ikun ta' ħsara għall-istat tal-lsien Malti. L-ordni tal-Ministru, infatti, li hemm fiċ-Ċirkulari, tgħid, ċar:

(a) illi l-Malti għandu jkun mgħallem bħalma soltu nitħaddtu bih;
(b) illi għandu jinkiteb bħalma nippronunzjawh;
(c) illi t-tagħlim tal-Malti jsir b'mod li bih l-iskulari jkunu jistgħu l-quddiem jitgħallmu l Ilsien Taljan b'akbar ħeffa.

3. It-tagħlim tal-Malti bħalma soltu nitħaddtuh, ħaġa ċara ħafna, jagħlaq it-triq għal dan l-ilsien u ma jħallihx jimxi l-quddiem li jkun jista' jieħu qagħda ta' lsien letterarju. Hemm differenza kbira bejn il-lsien kif inhu mitkellem u l-lsien użat fil-kitba, u din id-differenza ssibha fil-pajjiżi kollha. Din ix-xorta ta' tagħlim, bla dubju ta' xejn, tkun ta' ħsara lil għadd kbir ta' nies fost il-poplu Malti, illi billi ma jafux jakraw u ma jistgħux jifhmu ebda lsien ieħor għajr ilsienhom, jiġu b'hecc imċaħħdin minn ħaġa ta' fejda u ta' ġid, jiġifieri dik li jistgħu jżejnu l-moħħ bil-qari ta' kitba maltija maħduma sewwa u kif jixraq.

4. Tikteb il-Malti kif tippronunzjah ifisser ċar li għandek tiktbu b'sistema ta' kitba fonetka weħidha, jiġifieri tikteb il-kliem malti sew-sew kif jinħass, sistema li billi ma hu imrażżan minn ebda regola grammatikali, għandu ta' bil-fors iħalli l-bieb miftuħ għall-kittieba, biex dawn jiktbu l-Malti skond kif kull wieħed minnhom jifhmu, b'ortografija li hija għalhekk ukoll imgerfxa għat-tagħlim u għall-kitba tal-Malti; ħaġa li s'issa qatt ma ġrat fil-letteratura tal-lsien Malti.

5. Fl-aħħarnett il-"Għaqda" tixtieq tfiehem b'mod partikulari illi l-Malti u t-Taljan huma żewġt ilsna differenti fil-għamla tagħhom grammatikali, u meta t-tagħlim tal-wieħed isir fuq it-tagħlim tal-ieħor, lill-Malti ma tkunx qiegħed tagħmillu ħaġ'oħra ħlief tikkundannah sabiex, qajl-qajl iżda fiż-żgur, jitħassar u jisfa fix-xejn.

6. Il-"Għaqda" jidhrilha wkoll illi jekk jitwettqu d-deċiżjonijiet tal-Ministeru, il-ġieħ tal-lsien Malti jonqos bis-sħiħ quddiem il-għajnejn ta' bosta orjentalisti kbar barranin, illi, minn mindu l-Malti ħa l-qagħda tiegħu letterarja, kienu qegħdin jieħdu sehem sewwa fl-istudju tiegħu, l-iktar f'dak li hu studju ta' nisel u xebħ tiegħu ma' ilsna tal-istess għerq.

7. Taħt dawn iċ-ċirkostanzi, il-"Għaqda" titlob lill-Gvern sabiex jarġa' jifli d-deċiżjoni li ħa u li ġiet imxandra fiċ-Ċirkulari hawn fuq imsemmija, sabiex it-tagħlim u l-kitba tal-Malti jitqiegħed fuq sisien grammatikali sħaħ, li jkunu jaqblu mal-bixra tiegħu bħala lsien Malti.

Għandi l-unur
ingħodd ruħi bil-qima kollha,
Serv tiegħek,
(*ft*) F.S. Caruana
Segretarju

Lill-Onorabbli
Kap tal-Ministeru,
Auberge d'Aragon, il-Belt.

(ii)

Nru. 385/32

Uffiċċju tal-Ministru tat-Tagħlim
Auberge de France, il-Belt.
24 ta' Ottubru, 1932.

Sinjur,

Inkarikat ingħarrfek illi t-talba tiegħek tal-1 ta' dan ix-xahar, dwar it-tagħlim tal-Malti fl-Iskejjel Elementari u mibgħuta lill-Kap tal-Ministeru, intbagħtet kif kien imissha, lill-Ministru tat-Tagħlim.

Għandu wieħed jifhem illi l-"Għaqda" tagħkom kellha xi laqgħa sabiex waslet biex tagħmel l-osservazzjonijiet li jinsabu fl-ittra tiegħek li fuqha qiegħed inwieġbek. Il-Ministru jkollu wisq pjaċir li inti tibgħatlu l-ismijiet tal-membri li ħadu sehem f'din il-laqgħa, flimkien ma' kopja tal-minuti ta' din l-istess laqgħa.

Għandi l-unur ingħodd ruħi
Serv tiegħek,
*(ft)* F. Camilleri,
Segretarju
tal-Ministru tat-Tagħlim.

Lis-Sur F.S. Caruana,
266 S.da San Paolo, il-Belt.

(iii)

Għaqda tal-Kittieba tal-Malti,
266 S.da San Paolo, il-Belt.
9 ta' Novembru, 1932.

Sinjur,

Fuq dak li talbet is-Sinjurija tiegħek b'Ittra Nru. 385/32, fl-24 tax-xahar li ħareġ bi tweġiba għall-"Memorandum" tal-"Għaqda" bid-data tal-1 ta' l-istess xahar, il-Kumitat tal-"Għaqda" talabni nfissirlek:

a) illi l-"Għaqda", kif uriet fil-"Memorandum" tagħha, m'hix ħaġ'oħra ħlief Xirka letterarja u filoloġika, imwaqqfa bil-ħsieb li twettaq u tmexxi l-Kitba Maltija fuq sisien ta' prinċipji grammatikali;

b) illi s-suġġerimenti li għamlet il-"Għaqda" dwar it-tagħlim tal-Malti fl-Iskejjel Elementari, jaqblu għal kollox mal-liġijiet elementari, li ħadd ma jista' jiċħadhom, tax-xjenza ta' l-ilsna u li KULL WIEĦED mill-membri tax-Xirka, bħala mxierek fil-"Għaqda", għandu jħares u jimxi fuqhom;

c) illi l-"Għaqda" meta għamlet dawn is-suġġerimenti, kif ukoll meta ġiet biex tikteb din l-ittra, xejn ma qanqalha biex tagħmel dan kollu ħlief xewqa safja li ma tħallix tinqered fl-Ilsien Malti dik li hi grammatka *tiegħu* li tagħżlu minn ilsna oħra; u fl-istess ħin li tgħin lill-Gvern fi kwistjoni teknika ta' ħtieġa kbira.

d) illi wara li fela u qies dan kollu, il-Kumitat ma jsibx raġunijiet biż-żejjed biex jagħti l-ismijiet tal-membri li ġew fil-laqgħa li ssejħet u saret għal dan l-iskop, flimkien ma' kopja tal-minuti ta' dil-laqgħa.

Għandi l-unur
ingħodd ruħi
Serv tiegħek.
*(ft)* F.S. Caruana,
Segretarju.

Lill-Onorabbli
Ministru tat-Tagħlim,
Auberge de France, il-Belt.

**(Minn *Il-Malti* – Ir-Raba' Ktieb ta' l-1932, pp. 121-124)**

# Dok. 5

## Thejjija ta' Kotba tal-Qari Malti għall-Iskejjel Elementari bl-Ortografija li ried il-Gvern

**(Mid-Dibattitu dwar l-Estimi Supplementari għall-1932 – 33 – Vot 21: Skejjel Elementari)**

Onor. Dr. E. Mizzi,

...

La partita 13a riguarda la stampa di libri scolastici in maltese. Credo che questa partita sarà approvata prontamente e calorosamente anche dall'onor. Dr. Boffa. Gli allievi delle Scuole Elementari devono oggi imparare il maltese dalla prima all'ultima classe, ed è quindi necessario mettere dei libri scolastici a loro disposizione. Sono ben note, non solo le Lettere Patenti che hanno reso obbligatorio l'insegnamento del maltese, ma anche le istruzioni che ho fatto diramare con la Circolare del 6 settembre e che sono state già approvate dal Parlamento.

...

Mr. BENCINI (*In Maltese*): I should like to know from the hon. Minister whether these Maltese Readers have already been compiled.

Onor. Dr. MICALLEF: Non ancora.

Onor. Dr. MIFSUD BONNICI: Si stanno compilando con criteri paesani.

Onor. Dr. E. MIZZI: Essi non sono ancora completi. Si stanno compilando da una commissione composta di tre insegnanti, cioè dal sotto Capo del Dr. Laferla, da un altro insegnante delle Scuole Elementari, e da un insegnante delle scuole private. Tutti i tre conoscono perfettamente il maltese, e sono convinto che forniranno degli ottimi testi per le classi elementari a norma delle istruzioni da me emanate e che sono state ormai approvate anche dal Parlamento. L'insegnamento del maltese ci è stato reso obbligatorio dalle ultime Lettere Patenti; non l'abbiamo imposto noi, ma a noi spetta di compilare e fornire i testi necessari a tale scopo. Devo poi dire che probabilmente questi libri potranno essere stampati dalla stessa Stamperia di Governo. Dico probabilmente per non impegnarmi per l'avvenire.

...

Onor. Dr. E. MIZZI: Quanto alla compilazione dei libri scolastici in maltese, ho già detto che questa è stata affidata ad una commissione composta di persone competenti, le quali naturalmente compileranno questi libri nel miglior modo possible, tenendo conto anche delle ben note istruzioni che ho dato con la Circolare del 6 settembre e che sono state approvate già dal Parlamento. Stando alle mie istruzioni si deve insegnare il maltese comunemente parlato e si deve scriverlo come si pronunzia, e il suo insegnamento deve esser fatto in modo da facilitare in seguito l'apprendimento della lingua italiana. Mi pare che istruzioni più chiare e più ragionevoli di queste non si possano dare. Ed è per lo meno ridicolo pretendere che non si debba insegnare il maltese come comunemente si parla e che non si debba scriverlo come si pronunzia. Comunque, gli onor. Signori di quella parte possono stare più che sicuri che a norma delle mie istruzioni saranno compilati i migliori libri scolastici.

Mr. BENCINI (*In Maltese*): Could the hon. Minister give us the names of the gentlemen who are compiling these books?

Onor. Dr. E. MIZZI: I membri componenti la commissione sono: il signor Sapiano, il signor Rocco Farrugia ed il signor Giovanni Vella.

**(Laqgħa ta' l-Assemblea Leġislativa tas-7 ta' Novembru, 1932 – Parliamentary Debates: Official Report Vol 21 ... Malta, Government Printing Office, 1935, pp. 275–276)**

# Dok. 6

## Maltese Orthography Used By The Govrnment – Protests Against. *Proteste contro l'Ortografia Maltese usata dal Governo*

204. Mr. BENCINI: Is the hon. Minister for Public Instruction now in a position to lay on the Table a copy of all the correspondence that passed between the hon. Minister and the "Ghakda tal Chittieba tal Malti" and the "Ghakda tal Malti" (University).

Onor. Dr. E. MIZZI: Questa interrogazione si riferisce alla risposta da me data nella seduta del 31 ottobre, alla precedente interrogazione Nro. 37 dello stesso onor. interrogante.

Debbo dire che in data del 24 ottobre ultimo scorso, io feci scrivere ai tre firmatari delle due proteste o petizioni domandando a loro di indicarmi i nomi delle persone che li avevano incaricati di avanzare al Governo quelle petizioni e di fornirmi anche i processi verbali delle sedute tenute a tale scopo. In data del 4 e del 9 del corrente mese, rispettivamente, i firmatari si rifiutarono di darmi queste informazioni, ragion per cui ho deciso di considerare come anonime o quasi anonime quelle due comunicazioni.

Non mi sembra fuor di luogo aggiungere che con le risoluzioni del 31 ottobre e 9 novembre rispettivamente l'Assemblea Legislativa e il Senato hanno già pienamente approvato a grandissima maggioranza tutti i provvedimenti scolastici presi a mezzo mio dal Governo, compresi quelli relativi all'insegnamento del maltese, da me spiegati alle due Camere del Parlamento.

**(Laqgħa ta' l-Assemblea Leġislattiva tat-22 ta' Novembru, 1932 – Parliamentary Debates: Office Report Vol. 21 Legislative Assembly Session 1932-33 – First Part ... Malta, Government Printing Office, 1935, p. 382)**

# Dok. 7

## Silta mill-'Preface' tal-"Manual of Maltese Orthography" (1929) ta' A. Cremona

"... The transliteration of words is chiefly represented by the alphabet of the *Accademia Filologica Maltese* (1840), with the exception of *u* which has been replaced by *w* when it has the value of a consonant.

Whilst one cannot vouch for the scientific correctness of this alphabet it must be admitted that the long-established practice of transliterating Maltese with an alphabet which is *not purely* phonetic will take considerable time until it may be superseded by some scholastic

system aiming at its scientific standardization.

The rules I have adopted for the building of words are in accordance with the theories outlined in Vassallo's "*Muftieħ tal-Chitba Maltija*" (1901), and, with the exception of some phonetic symbols, in the *Tagħrif tal-Kitba Maltija* issued by the *Għaqda tal-Kittieba tal-Malti*, (1924).

A. CREMONA

Malta,
October, 1929

# Dok. 8

## A Standard Maltese Ortography

**Tweġiba iffirmata "A.C." għall-artiklu tar-Rev. G. Pace Spadaro li deher fid-*Daily Malta Chronicle* tad-9 ta' Ottubru, 1929.)**

...

5. The failure of a phonetic alphabet *(Xirka Xemia's)* even in the Elementary Schools when it was improvidently taught in the lower classes before coaching teachers, shows that phonetic symbols cannot be made to replace in a language others in use in a few years (1882 – 1888). Preca himself, who had a prominent part in the framing of that alphabet, blamed the Educational Authorities for having adopted it in lower primary classes and charged the Educational Office with want of foresight. He declared that "if the alphabet was so excellent in its scientific bearing it was not perhaps a fit tool for the people"

**(*Daily Malta Chronicle* tat-22 ta' Ottubru, 1929, p.6)**

# Dok. 9

## The Maltese Alphabet

**(Siltiet mit-tweġiba ta' l-4 ta' Novembru, 1929, iffirmata "A.C.", għall-artiklu tar-Rev. G. Pace Spadaro li deher fid-*Daily Malta Chronicle* tal-31 ta' Ottubru, 1929).**

...

3. As a scholar, I am an avowed upholder of the phonetic signs and I would be the last one to repudiate them in a *philological work*, considering them by principle as the only appropriate Maltese transliteration. But I must admit that what in science is good enough, the case is quite different, nay dangerous and harmful, in practice, until the time comes when through a new scholastic evolution of the language a scientific transliteration is likely to be established. That time, however, is still even a desideratum in great national languages which are more literarily and officially developed than Maltese. For the Maltese language, which is radically a Semitic one, the success may be easier, though it more depends on the prevailing national education than on the solitary activities of literary Societies or Academias.

4. In a scientific transliteration, I would be even more theoretical than Reverend Pace Spadaro or the "Għaqda" itself by resorting to purely phonetic and distinguishing symbols for such sounds as the *'ayn* (gh), the *elif* (a), the glide or Imâl (ie) and the emphatic *ha* (h) and *Ghajn* (Gh).

...

10. In my opinion the general familiarity with a phonetic alphabet cannot be judged by any amount of occasional poetries written with that alphabet for academical purposes (or under presumed conditions for winning prizes), but by its characteristic adoption by a good number of local Editors and Writers. As I have previously pointed out, the general adoption of a phonetic alphabet is not likely to take place unless a thoroughly different system of education in schools is used, and this will take a good number of years to develop and generalize new characters.

**(*Daily Malta Chronicle* tas-7 ta' Novembru, 1929, p. 13)**

# Dok. 10

## Cremona Jiġġustifika Ruħu fl-1935 kontra s-"Seeming Backsliding" imsemmi mir-Rev. C.L. Dessoulavy

...

In pointing out the difficulties in the practical adoption of a reformed alphabet, Father Dessoulavy has shown a sense of great experience, but the examples he gives of such difficulties may be regarded as showing that he either has had unreliable information from sources meaning to cast doubt on some of the members of the *Għaqda* or, he himself has never gone into the history, difficulties and development – literary, popular, scholastic, political, administrative – of the *Għaqda's* Alphabet. Consequently blame is undeservedly cast on some of the most prominent members of the *Għaqda* that are connected with the compilation of the text of the newly-reformed, Maltese orthography. The writer states: "Such are the practical difficulties which face reformers everywhere, (that) some of the *Għaqda* have not seldom, when working under other auspices, proved unfaithful to the *Għaqda's* spelling." The question of adopting, universally, a system of spelling quite strange to the ordinary writers, or rather of forcing upon the Government the official adoption of the *Għaqda's* system of spelling when it was still in its infancy, would have been, from a practical point of view, an unwise, not to say, dangerous attempt and none better than the writer of this review (who happened to be entrusted with the compilation of the system and became eventually in the early stages of Responsible Government, an Editor and Translator of Maltese publications) could realize the impracticability of its adoption for journalistic or administrative purposes or in Government Administrative Departments *when it was not yet introduced in schools.*

The original purpose of the *Għaqda's* system was uniformity of spelling on sound grammatical principles amongst the writers in Maltese. But, as expected, it was an utter failure for the whole 15 years because the alphabet, as sanctioned by the Committee appointed for the purpose, went against the common long-established usage of writing Maltese after the phonetic Italian spelling as *was first taught in schools.* Under almost identical circumstances, the *Xirka Xemia's* Alphabet was doomed to failure, for, after a life of hardly two years (1883) in the scholastic programme, it was suppressed as too pedantic and as an obstacle to the success of the bilingual system (Italian and English) then prevailing in schools.

....

Ever since the year 1900 the C-K system *or the ordinary* one or the *Muftieħ's* system was always adopted in the school text-books (Readers and Grammars), in which Maltese was used as a *written medium ...*

Even after the *Tagħrif*'s publication at Government expense, the common transliteration

continued to be used by the different Parties in Power until the Mizzian Reform in 1927 *(sic)* which aimed at an Italian transliteration.

It was owing to the above circumstances that even the President of the *Għaqda*, the late Chev. G. Muscat Azzopardi, published his translations of the Gospels in the old transcript and several members of the *Għaqda* followed his example and the *Għaqda's* spelling was thus limited to the organ *Il-Malti....*

It was similarly, under such circumstances that the *Manual of Maltese Orthography*, which was meant for the use of the police and Government servants, as Father Dessoulavy asserts, and, eventually, for use as a text-book in the evening classes for candidates for the Civil Service (Maltese having been included as an optional subject), had to be published in the old script, that is, in the official spelling then still used by the Government. For the same reason, Mr. G. Vassallo published his second edition of his *Muftieh tal-Kitba* (1931) in the old spelling. But both the author of the *Manual* and of the *Muftieħ* showed their loyalty to the alphabet of the *Għaqda* in publications of purely literary or scholastic merit, the former in his *Weraq mar-Riħ* and the latter in his *Ortografia Maltese.* The anomaly of this seeming backsliding, as Father Dessoulavy describes it, is however clearly explained and justified in the preface of the *Manual.*

The *wise step* taken by the authorities in introducing the *Għaqda's* system by starting from the bottom, that is from the Infant-schools, was an alternative which had been indicated by the writer of this article whenever any attempt for the successful universal adoption of the *Għaqda's* transcript was discussed. The success of such a scientific alphabet could only be brought about by a change in the educational, administrative and legal spheres and never by the activities of any literary or academical society. It was only through the recent events affecting the status of the Islands that Maltese, as written by the *Għaqda*, was introduced in the Educational and Administrative Departments. The long expected reform opened the way to a new stage in the literary evolution of Maltese for several good readers, anthologies, new text-books, etc, have been compiled by the members of the *Għaqda*, the *Għaqda tal-Malti (Università)* and the Education Department. I believe that full recognition has not been given to, and full appreciation shown, of the pioneering work.

The Rev C.L. Dessoulavy (and perhaps other scholars interested in our tongue) is, perhaps, not familiar with all the circumstances underlying the phases of the alphabetical systems which have played such a prominent part in the writing of Maltese during the last thirty years in the schools and administrative organizations; and perhaps he is not even aware of the politico-administrative circumstances which have attended the fate of any sound system and, in some particular cases, affected the position of those who upheld it, from the literary and official view-points against a policy of innovation undermining the life of literary Maltese. If some members of the *Għaqda* appear to fail in their allegiance to the system of the *Għaqda*, it is only because they had to learn the bitter lesson of the value of expediency in gaining what they have already gained ....

**(Minn "The 'Għaqda tal-Kittieba tal-Malti' and Modern Maltese Literature", reċensjoni ta' A. Cremona fil-*Journal of the Malta University Literary Society* (Vol. 2, No. 7, October 1935, pp. 317 – 323), ta' l-artikolu ta' C.L. Dessoulavy "Modern Maltese Literature" li deher fil-*Bulletin of the School of Oriental Studies* (London Inst. – Vol.vii, Part 4, 1935)**

# Dok. 11

**Silta mid-Daħla "Għalfejn u Għal Min Dan il-Ktieb" bid-Data ta' Marzu, 1936 fil-Ktieb ta' A. Cremona, *Tagħlim Fuq il-Kitba Maltija* l-Ewwel Ktieb (Oxford University Press, 1936)**

"Qatt qabel din id-darba ma nħasset hekk qawwija l-ħtieġa li jinkiteb ktieb fuq it-tagħlim tal-Kitba Maltija għal idejn it-tfal u ż-żgħażagħ. U dan imħabba bosta ħwejjeġ, fosthom, it-tagħlim tal-Malti fl-Iskejjel tal-Gvern, id-dħul tal-lsien Malti fil-Qrati u fl-amministrazzjoni tal-Gvern u t-tixrid tal-kitba Maltija fost il-qarrejja f'dawn il-Gżejjer u barra minn Malta. Iżda l-ewwel u l-akbar ħtieġa ta' dan il-ktieb huwa t-tagħlim sħiħ tal-kitba Maltija fost dawk it-tfal ta' l-Iskejjel li għad iridu jkunu s-sisien li fuqhom bi ħsiebhom jinbnew il-plieri l-kbar tal-lsien Malti."

## *REĊENSJONI*

### *Il-Feddej – Rumanz bibliku, storiku, u oriġinali, ta' Mary Haber. Veritas Press, 1990*

Aktar milli rumanz bibliku *Il-Feddej* hu l-Vanġelu miktub f'forma ta' rumanz. Fih jinstabu l-ġrajjiet l-aktar magħrufin u t-tagħlim kważi kollu li wieħed jista' jsib fl-erba' testi evanġeliċi. Jidher ċar li l-awtriċi hi midħla sewwa mhux biss tal-kitbiet ta' Mattew, Marku, Luqa u Ġwanni imma wkoll tat-tifsir li jingħatalhom mill-istudjużi ta' l-Iskrittura. Tidher midħla wkoll tal-leġġendi u għajdut ieħor marbutin ma' xi persunaġġi li jissemmew fil-vanġeli apokrifi. Fejn jidhrilha, tħalli l-fantasija tiġri biha biex toħloq ġrajjiet u sitwazzjonijiet li jakkomodaw ir-rakkont tagħha. Xi nies li l-Vanġelu jirreferi għalihom f'xi ċirkustanza waħda f'dan ir-rumanz isibu l-bijografija sħiħa tagħhom skond kif l-awtriċi immaġinat li setgħet kienet.

*Il-Feddej*, ismu miegħu, hu rumanz li għandu lil Ġesù Kristu bħala ċ-ċentru tiegħu, u l-persunaġġi l-oħra, tajbin u ħżiena, jieħdu l-importanza tagħhom minħabba fih, min għax iltaqa' miegħu u nġibed lejh u min għax ħadha kontrieh u fittex il-qirda tiegħu. Jibda b'Ġesù tarbija rifuġjat fl-Eġittu u jintemm mhux biss bil-mewt u l-qawmien tiegħu imma wkoll bil-ħdima ta' l-ewwel insara f'Ruma li, xi wħud minnhom li kienu jafuh fil-Palestina, ħallew ħajjithom għalih.

Rumanz ta' din ix-xorta diffikultà waħda jista' jkollu, li min jaqrah bla ma jkun qara tajjeb qabel il-Vanġelu jista' jħallat il-fittizju mar-realtà. Bħalma jiġri lil bosta li jaraw films bibliċi u jemmnu li dak li jidher fuq il-liżar ikun seħħ tassew xi darba.

Mill-bqija *Il-Feddej* hu rumanz li għandu jogħġob lil min iħobb il-qari li ma jitlobx impenn speċjali mill-qarrej.

**J.S.**

# NEKROLOĠIJA

## DUN FRANS CAMILLERI

Dun Frans, bin Giovanni Camilleri u Josephine Barbara, twieled il-Marsa fis-sena 1919. Studja l-iskola tal-Gvern, St. Paul's School, is-Seminarju tal-Furjana u għadda l-aħħar erba' snin fl-Università ta' Malta għall-Kors tat-Teoloġija. Ħa l-quddiesa fl-1943, u minn dak iż-żmien baqa' jqaddes kuljum fil-Knisja ta' Santunnuzzu, il-Ħamrun, li tagħha kien Rettur għal ħafna snin. Għallem il-Malti fil-Kulleġġ ta' San Alwiġi u fis-



Seminarju, il-Furjana.

Kien membru attiv f'diversi għaqdiet letterarji, fosthom l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, illum magħrufa bħala l-Akkademja tal-Malti. Għen fil-ħidma ta' l-Għaqda ta' Qari Tajjeb u dam xi snin segretarju tagħha. Assistent Ekkleżjastiku u propagandista ta' l-Azzjoni Kattolika u membru tal-Kummissjoni Emigranti, kien l-ewwel editur tar-rivisti *Il-Ħuġġieġa* u *Lil Ħutna*. Kiteb mal-500 innu għal parroċċi, skejjel, għaqdiet reliġjużi u lajċi.

Ħa sehem fil-ġlieda għall-għarfien tal-lingwa tal-poplu bħala l-ilsien uffiċjali tal-poplu Malti.

Kittieb magħruf sew ta' proża kemm ta' poeżija. Fl-1945 ħareġ ġabra ta' poeżiji bit-titlu *Moħba tal-Qalb*. Fl-1948 ħareġ sensiela ta' poeżiji għat-tfal *Fil-Ġnejna tat-Tfulija*. Isem Dun Frans jibqa' għal dejjem marbut mal-kotra kbira ta' innijiet li kiteb ispirati minn diversi friegħi tal-ħajja Maltija reliġjuża, soċjali u edukattiva, innijiet imqanqla b'mod speċjali mill-imħabba u l-qima lejn il-Madonna u l-qaddisin. Wara r-riforma liturġika tas-snin sittin ittraduċa għall-Missal u l-Brevjar is-sekwenza "Dies Irae" u xi innijiet oħra.

Fl-1950 ħareġ ktieb ta' esejs *Lejn id-Dawl* li jittratta fuq temi ta' edukazzjoni, kultura, reliġjon u ħajja soċjali.

L-aħħar ktieb li ħareġ kien ta' poeżiji *L-għanja ta' Ħajti* (1964). Fil-"Kelmtejn Qabel" Dun Frans jesprimi l-fehma tiegħu illi "*hija l-Poeżija, iktar minn kollox, li tgħolli l-livell tas-sentimenti sbieħ u għoljin f'qalb il-bniedem. Imma niftakru li biex il-poplu jifhem u jgħożż dawn is-sentimenti sbieħ u mdawlin, jeħtieġ tkellmu bl-ilsien tiegħu; il-lingwa hija l-qalb u r-ruħ tan-nazzjon.*" Kontribuzzjonijiet oħra tiegħu nsibuhom fir-rivisti letterarji *Il-Malti* u *Leħen il-Malti*.

Dun Frans kien artista fil-veru sens tal-kelma. Il-fotografija kienet ferm għal qalbu. Kien magħruf b'mod speċjali għar-ritratti li kien jieħu bi kwadri ta' ambjent lokali. Dawn ir-ritratti jinsabu mxerrda f'għadd ta' kartolini u ta' kalendarji.

Delizzju ieħor tiegħu kien jikkonsisti f'xogħlijiet ta' l-arti maħduma mill-bebbux.

Fost l-attivitajiet tiegħu fil-ħajja reliġjuża u soċjali, lil Dun Frans insibuh ukoll bħala membru tal-Kumitat tal-Viżitaturi tal-Ħabs u Direttur Spiritwali tal-Każin tal-banda "San Gejtanu" u il-"Ħamrun Spartans".

Dun Frans miet ta' 71 sena nhar is-6 ta' Diċembru 1990. Il-funeral tiegħu sar is-Sibt 8 ta' Diċembru, nhar il-Kunċizzjoni, il-Madonna li tant ħabb u li ispiratu biex kiteb tant poeżiji u innijiet reliġjużi.

*Ġużè Chetcuti*

> *"Għal Dun Frans il-poeżija hija wisq iżjed minn kejl ta' versi u logħob ta' rimi. Hija għalih il-leħen tar-ruħ tiegħu fil-ħinijiet ta' ħniena għall-maħqurin u ta' għadab għal min jaħqarhom. Fi kliem ieħor, il-poeżija ta' Dun Frans hija dokument tal-kuxjenza personali u fl-istess ħin soċjali. Il-poeta qatt ma kellu rbit mas-soċjetà u għalhekk seta' jibqa' maħlul minnha, jaraha mill-bogħod u mill-qrib u jiġġudikaha mingħajr biża'."*
>
> *Ġużè Aquilina*

## Errata Corrige

Dan id-dokument li kellu jidher mad-dokumenti l-oħra ma' l-artiklu ta' Ġuzè Cassar Pullicino tħalla barra bi żball.

# Dok. 4

NEW MALTESE ORTHOGRAPHY USED IN GOVERNMENT GAZETTE
*Nuova Ortografia Maltese usata nella Gazzetta di Governo.*

74. Dr. PAUL BOFFA: I ask the hon. the Head of the Ministry to lay on the Table copies of the protests sent to the Government, relative to the new Maltese orthography which is being used in the Government Gazette.

Onor. Sir U.P. MIFSUD (Capo del Ministero): Non so precisamente a quali proteste l'onor. signore crede di riferirmi. Proteste di enti politici indipendenti se esistono avranno già visto la luce nei giornali. Da parte di persone dipendenti dal Governo pel loro impiego, il Ministro non accetta proteste.

**(Laqgħa ta' l-Assemblea Leġislattiva tas-7 ta' Novembru, 1932 – Parliamentary Debates: Official Report, Vol. 21, ... Malta, Government Printing Office, 1935, p.238)**

**HYPHEN** A Journal of Melitensia and the Humanities

Minn meta ħareġ l-ewwel darba fl-1977, *Hyphen* ġie stabbilit bħala perjodiku akkademiku ta' interess kemm għall-istudjuż u kemm għall-istudent. L-artikli dwar kull aspett ta' melitensia huma miktuba minn awturi Maltin u barranin bħal A. Luttrell, A. Hoppen, D. G. Lochart, J. Boissevain, G. Wettinger, A. Bonanno, V. Mallia Milanes, A. Bonnici, O. Friggieri, u ħafna oħrajn. *Hyphen* huwa wkoll ta' għajnuna indispensabbli għall-istudent li qiegħed ihejji ruħu f'suġġetti ta' livell avanzat, speċjalment għal min se jagħmel l-eżami ta' l-Oqsma ta' l-Għerf *(Systems of Knowledge)*.

*Hyphen* jista' jinkiseb mil-Liċeo l-Ġdid Ġ.F. Abela, l-Imsida.



Jistgħu jinkisbu wkoll ħarġiet ta' l-imgħoddi.

**Għal aktar tagħrif ikteb lill-Bord Editorjali fl-istess indirizz.**